**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 28 ta' Novembru 2023

Każ Numru: 255/2017

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Rennie Stivala)

**vs**

**Khaled M Ibrahim Ben Nasan**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 30716A)

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Khaled M Ibrahim Ben Nasan ta' 47 sena, iben Mohammed u Hawwada xebba Rustom, imwieled Aleppo Sirja, nhar l-1 ta' Diċembru 1968, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 30716(A) u residenti 170, Aries, Triq il-Qasam Swieqi:

U akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-2 ta' Settembru 2016 u fil-jiem ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, ittentajt tagħmel

qliegħ b'qerq ta' aktar minn ħames t'elef ewro (€5000) għad-dannu ta' Neville Gafa u/jew persuna oħra, reat li ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħek;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, bi ħsara ta' ħaddieħor, ippruvajt tagħmel xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħames t'elef ewro (€5000);

3. Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi ffalsifikajt ċedola, polza, ordni, jew dokument ieħor li meta jiġi preżentat wieħed jista' jirċievi ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti;

4. Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi bil-qerq ħloqt jew ġiegħelt jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza ikunu jistgħu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa hekk akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

5. Kif ukoll talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ddenunzjajt lill-Pulizija Eżekuttiva reat li kont taf li ma sarx, kif ukoll bil-qerq ħloqt traċċi ta' reat b'mod li aktar tard ikunu jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat ikun sar;

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebiet il-fedina penali ta' Khaled M Ibrahim Ben Nasar, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skont il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat Khaled M Ibrahim Ben Nasar biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt:

- L-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 18 u 167 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 18, 110(1), u 110(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikol1 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tat- 23 ta' April 2018 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, u l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi f'dik l-istess seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' April 2018, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022, l-imputat iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri permezz ta' liema proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi li kienu ġia nstemgħu minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Din il-Qorti għandha quddiema każ fejn fi kliem fqir l-imputat kien irrapporta li Nevile Gafa li kellu kariga għolja peress li kien il-liason officer bejn il-Ministru tas-Saħħa u l-Prim Ministru, kien jikkordina l-dħul ta' xi pazjenti barranin mil-Libja f'Malta u l-imputat fuq talba tal-istess Gafa f'xi ħin beda jħallas bejn elf u ħames mitt ewro u elfejn u ħames mitt ewro għal kull-persuna. L-imputat jgħid li ma kienx jingħata irċevuta ta' dawn il-flus u peress li beda jħoss li kien hemm xi ħaġa ħażina għaddejja, huwa kien beda jittratta direttament mal-isptar St. James Hospital. L-imputat jgħid li talab dawn il-flus lura iżda

ingħata biss ammont żgħir. Mill-investigazzjonijiet li ħejja l-uffiċjal investigatur, ma rriżultalux dak li kien qed jiġi allegat mill-imputat, għaldaqstant huwa mexxa bi proċeduri kontra tiegħu.

**Il-Provi**

In sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Rennie Stivala** xehed li fl-10 ta' Mejju 2016 is-Sur Peter Cordina fil-kapaċita tiegħu ta' President ta' Foundation for Medical Services talab lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga allegazzjoni tal-imputat fil-konfront ta' Neville Gafa.
   L-imputat kien qed jallega li Neville Gafa kien rċieva xi flejjes marbutin ma xi xogħol li kien tqabbad jagħmel fuq persuni li kienu ġejjin mil-Libja biex jieħdu għajnuna medika hawn Malta fiż-żmien tal-kunflitt tal-Libja u anke ftit wara.

   Mehmuża mal-kwerela kien hemm ittra mibgħuta mill-Foundation for Medical Services lil Neville Gafa fejn permezz tagħha huwa ġie nfurmat bl-allegazzjoni li saret fil-konfront tiegħu u r-risposta tal-istess Neville Gafa għal din l-allegazzjoni.

   Mehmuża mal-kwerela kien hemm anke l-ittra li r-rappreżentant legali tal-imputat Khaled M Ibrahim Ben Naser kien bagħat lill-Ministru tas-Saħħa u l-Enerġija Konrad Mizzi fejn kien ġie mitlub sabiex jidħol f'din il-kwistjoni u jara kif jista' jsolviha.

   Fis-6 ta' Ġunju 2016, ix-xhud kien bagħat għall-imputat biex jagħtih aktar dettalji fuq l-allegazzjoni tiegħu fil-konfront ta' Neville Gafa. L-imputat kien mar akkumpanjat flimkien mal-avukat tiegħu.

   L-imputat spjega lix-xhud li huwa kien jgħaddi lil Neville Gafa diversi applikazzjonijiet ta' diversi nies Libjani li kellhom bżonn jiġu Malta għal attenzjoni medika. Neville Gafa, f'isem il-Gvern ta' Malta kien jipproċessa dawn l-applikazzjonijiet. L-imputat allega li f'mument partikolari Neville Gafa beda jitlob li jingħata pagamenti ta' flus. L-ammont kien ivarja bejn elf u ħames mitt ewro u elfejn u ħames mitt ewro kull darba.

L-imputat sostna max-xhud li huwa kien iħallas lill Gafa kemm kien jitolbu u li Gafa qatt ma tah irċevuti.

Però l-imputat kien jikteb il-pagamenti li kien jgħaddi lil Gafa fuq ktejjeb tal-irċevuti u kien anke jikteb in-numru tal-passaport u l-isem tal-persuna u d-data ta' meta' ħallas lil Gafa.

Ix-xhud sostna li huwa staqsa lill-imputat jekk qattx kien talab lil Gafa biex jiffirmalu u l-imputat wieġeb li huwa qatt ma talab lil Gafa sabiex jiffirmalu.

L-imputat sostna max-xhud li meta din il-biċċa tax-xogħol ma bdietx togħġbu, huwa beda jittratta ma St. James Hospital direttament, tramite l-kumpanija li huwa kien wieħed mid-diretturi tagħha Aurus Tribus Limited. Fil-fatt Aurus Tribus Limited daħlet fi ftehim ma Livelife Group Limited u St. James Capua Hospital Limited. L-imputat sostna max-xhud illi dan għamlu għax ħass li Gafa kien qiegħed jagħmel xi ħaġa mhux kif suppost, u allura pprefera li jittratta direttament mal-isptar. Ix-xhud sostna li l-imputat infurmah li anke l-isptar kien ħass li kien hemm xi ħaġa ħażina, u għalhekk anke l-isptar kien jippreferi li jittratta direttament miegħu.

L-imputat spjega lix-xhud li huwa kemm il-darba pprova jirranġa din il-kwistjoni ma Gafa bil-kwiet u b'mod amikevoli. Madankollu minn madwar tmienja u tletin elf ewro, Gafa irritornalu biss tlett elef ewro. Il-kumplament ma rritornomx lura għax kien xtara BMW u ma kellux biex jirritorna l'flus lura.

Ix-xhud kien bagħat għal Maria Bugeja ic-CEO ta' St. James u Live Life Group Limited u staqsiha b'mod dirett jekk kinitx daħlet fi ftehim ma Aurus Tribus Limited għaliex kienet qed tissuspetta li Neville Gafa kien qed jagħmel xi ħaġa skorretta, iżda hija ċaħdet dan u infurmat lix-xhud li Neville Gafa ma kien qed jagħmel xejn skorrett u li ma Gafa ma kellha l-ebda problema.

Eventwalment ix-xhud bagħat għal Neville Gafa fejn l-istess Gafa spjegalu li dak iż-żmien huwa kien impjegat bħala Project Director fil-Coordination Unit fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa. Gafa kien il-liason officer bejn il-Ministru tas-Saħħa u l-Prim Ministru. Gafa kien jirċievi pagament ta' sitta u sittin Euro ta' kull persuna li kienet

tinġieb lejn Malta, u dan ma kienx joħodhom hu personalment iżda b'dawn il-flus kien isir il-pagament dovut tal-applikazzjoni tal-visa upon arrival tal-persuna Malta.

Mal-wasla ta' dawn il-persuni, kien jiġi deċiż f'liema sptar kienu se jintbagħatu u cioé jekk kienux ha jintbgħatu l-Isptar Mater Dei jew inkella l-Isptar St. James.

Gafa ċaħad bil-qawwa kollha li huwa qatt irċieva xi flus mingħand l-imputat. Gafa sostna max-xhud li waħda mir-raġunijiet li l-imputat setgħa għamel dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu għaliex ġieli kien hemm istanzi li huwa kien irrifjuta li joħroġ visa li xi Libjani li xtaqu jiġu Malta għal kura, u dan minħabba li kienu nies perikolużi. Gafa nsista li huwa xtara l-BMW ħames xhur ma allegatament irċieva dawn il-flus u għalhekk ma setax ikun li huwa nefaq dawk il-flus fuq il-vettura.

Fid-29 ta' Lulju 2016 kienet saret tfitxija fl-uffiċċju ta' Neville Gafa iżda ma nstab xejn suspettuż.

Fil-31 ta' Awwissu 2016 l-imputat irraporta li fid-29 ta' Awwissu 2016 għal ħabta tad-disgħa u għaxra ta' bil-lejl kien irċieva telefonata fuq il-mobajl number tiegħu 79229939 mingħand xi ħadd mhux magħruf, fejn permezz tagħha ħassu mhedded b'ħajtu u t'uliedu. L-imputat talab il-protezzjoni tal-pulizija u anke sabiex tiġi investigata din it-theddida. Din it-theddida kienet saret b'rabta mal-fatt li l-imputat kien qed jikxef il-Libyan Visa Scandal. Mill-investigazzjoni li għamel ix-xhud irriżultalu li bejn is-7.00pm u l-10.39pm tad-29 ta' Awwissu 2016, l-imputat ma kienx irċieva telefonati.

Fit-2 ta' Settembru 2016, l-imputat kien irraporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tas-Swieqi fejn allega li fl-1 ta' Settembru 2016 kien sab erba' missed calls fuq il-mobajl tiegħu min-numru 99132168 u kien anke rċieva sms mingħand dan l-istess numru.

Mill-investigazzjoni li għamel ix-xhud irriżultalu li dik il-linja kienet paired ma mobajl li ġo fih kienet anke daħlet is-sim card tan-numru 79229938 li kien irreġistrat fuq l-imputat stess.

Fis-16 ta' Novembru 2016, ix-xhud bagħat għal imputat u wara li tah d-drittijiet legali kollha tiegħu u fil-preżenza tal-avukat tiegħu, x-xhud staqsih jekk jikkonfermax li fit-2 ta' Settembru 2016 mar jagħmel rapport ġewwa l-Ghassa tal-Pulizija tas-Swieqi. L-imputat mhux talli kkonferma li mar għamel ir-rapport talli qabad il-mobajl tiegħu u wera lix-xhud l-sms li rċieva bħala theddida. Meta mistoqsi fuq il-linja tal-mobajl number 79229938, l-imputat kkonferma li dik hija l-linja tiegħu u hija rreġistrata fuqu.

L-imputat mistoqsi mix-xhud jekk kienx qatt ta' xi mobajl phone lil xi ħadd anke jekk bħala rigal, l-imputat ikkonferma li darba minnhom kien ta' mobajl lil Neville Gafa.

Mistoqsi kif jista jispjega l-fatt li l-sms ta' theddid intbagħat minn linja ġdida tiegħu, l-imputat ma setgħax jispjega dan il-fatt. Pero l-istess imputat offra li jgħaddi l-mobajl phones kollha tiegħu lix-xhud. L-ebda wieħed mill-ħames jew sitt mobajl phones li l-imputat għadda lix-xhud ma kien użat biex jintbagħat l-sms jew saru t-telefonati.

Ix-xhud ppreżenta stqarrija tal-imputat datata 16 ta' Novembru 2016 immarkata bħala Dok RS1, stqarrija tal-imputat datata 19 ta' Novembru 2016 immarkata bħala Dok RS2, kopja tal-kwerela datata 5 ta' Mejju 2016 flimkien mad-dokumenti annessi mal-kwerela, immarkata bħala DOK RS3, estratt minn dokument tal-Reġistratur tal-Kumpaniji, bl-informazzjoni Aurum Tribus Limited immarkat bħala Dok RS4, kopji ta' diversi ittri mibgħuta mil-kumpanija Aurum Tribus Limited li ġew immarkati bħala faxxikolu Dok RS5, dikjarazzjoni datata 6 ta' Ġunju 2016 mmarkata bħala Dok RS6, 25 riċevuta mmarkati bħala faxxikolu Dok RS7, kuntratt bejn St. James Hospital Ltd. u Aurum Tribus Limited datat 29 ta' Frar 2016 mmarkat bħala Dok RS8, kuntratt bejn Livelife Group Ltd u Aurum Tribus Limited datat 15 ta' Settembru 2015 mmarkat bħala Dok RS 9, kwerela datata 30 ta' Novembru 2016, faxxikolu b'kopji ta' passaporti immarkat bħala RS10, Incident Report bir-referenza 6A/N/6263/2016 mmarkat bħala RS11, ittra maħruġa minn Vodafone Malta mmarkata bħala Dok RS12, NPS – Vehicle details document mmarkat bħala RS13, Incident Report bir-referenza 9/V/5163/2016 mmarkat bħala Dok RS14, u email mibgħut minn Neville Gafa datata 8 ta' Ottubru 2016 mmarkata bħala RS 15.

Waqt il-kontroeżami, meta x-xhud ġie mistoqsi għalfejn ma ndikax li l-imputat kien informa lix-xhud li huwa anke għandu filmati li qed jgħaddi l-flus jew lil Neville Gafa

jew lil min kien jaħdem miegħu, x-xhud sostna li minkejja li huwa kien talab lix-xhud sabiex jgħaddilu 'l-filmati, dawn baqgħu ma ngħatawlux.

Ix-xhud sostna li huwa ma jiftakarx li l-imputat kellu ktieb tal-irċevuti. Waqt il-kontroeżami ġie ssuġġerit lix-xhud li fil-preżenza tal-avukat, l-imputat indika lix-xhud li huwa daħal f'kuntratt permezz tal-kumpanija tiegħu mhux għax ħass li Neville Gafa kien qed jagħmel xi ħaġa ħażina imma għaliex kien Neville Gafa stess li talbu li jwaqqaf kumpanija u jidħol f'kuntratt mal-isptar, huwa ċaħad dan u insista li l-imputat kien infurmah li huwa daħal fi ftehim direttament mal-isptar għax ried jelimina lil Neville Gafa.

Fil-kontroeżami tiegħu x-xhud xehed li tal-isptar lilu informawh li l-pazjenti li kien jirreferi għandhom l-imputat kienu health tourist, iżda l-imputat għal diversi drabi infurmah li huwa kien qed iġib lejn Malta pazjenti vittmi tal-gwerra. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat kellu relazzjoni tajba mal-Ambaxxatur u l-istess Ambaxxatur fil-fatt anke kien jirreferilu xi nies li kellhom bżonn l-għajnuna. Ix-xhud però sostna li huwa ma jistax jeskludi li dawn kienu nies jifilħu jħallsu u ġew Malta għall-għajnuna medika a spejjez tagħhom.

Ix-xhud għal darb'oħra reġa sostna li tal-isptar lilu dejjem infurmawh li l-pazjenti li kienu jiġu riferuti lilhom mill-imputat ma kienux vittmi tal-gwerra u li dawn kienu jħallsu huma.

Ix-xhud meta mistoqsi kif jista' jispjega l-involviment tal-Ambaxxatur, jekk il-pazjenti riferuti mill-imputat kienu medical tourist biss, huwa sostna li huwa jista' jagħti biss suppożizzjoni. Ix-xhud sostna li jista' jkun li l-Ambaxxatur kien ilaqqa lin-nies mal-imputat, però jibqa' l-fatt li ma kienx magħruf jekk il-pazjenti riferuti mill-imputat ħallsux minn buthom jew le.

Ix-xhud insista li l-imputat qatt ma qallu li huwa kien qed joħroġ il-flus minn butu bil-quddiem bl-intiża li jitħallas lura. Ix-xhud sostna li safejn jaf hu l-allegazzjoni tal-imputat dejjem kienet illi hu kien qed jiġbor il-flus mingħand in-nies Libjani biex huwa jkun jista jġibhom Malta u dawn kienu jħallsu sittin euro għal visa upon arrival.

Mistoqsi jekk jirriżultalux li dawn in-nies kienux jintalbu xi flejjes biex tinħareġ il-Visa, ix-xhud sostna li huwa ma jirriżultalux dan. Ix-xhud sostna li fil-fatt il-ħlas biex tinħareġ il-Visa li jammonta għal sittin ewro kienu jitħallsu l-airport stess malli l-pazjenti jaslu Malta.

Ix-xhud ikkonferma li l-imputat kien qallu li fi żmien sena u nofs, lil Neville Gafa kien tah erba' mobajl phones, tlieta ġodda u wieħed li kien laħaq użah ftit.

Meta x-xhud ġie mistoqsi jekk jaqbilx li l-isptar qatt ma qalulu li huma kienu qegħdin jirċievu l-flus mingħand l-Ambaxxata Libjana, ix-xhud sostna li l-isptar dejjem qalulu illi l-klijenti li kien ikollhom ġejjin mill-ftehim li kellu l-Gvern Malti mal-Libja kienu jitolbu l-ħlasijiet tagħhom lil Neville Gafa biex huwa permezz tal-kuntatti li kellu fil-Libja jġib il-ħlas mill-Libja. Sostna li l-Ambaxxata Libjana qatt ma kienet tħallas b'mod dirett lill-istat Malti.

2. **Marisa Gauci** xehdet li hija taħdem mal-Vodafone bħala data request administrator. Fuq talba tal-prosekuzzjoni hija preżentat skambju ta' emails bejn ix-xhud u l-pulizija mmarkati Dok MG1 u Dok MG2, dokument imsejjaħ 'customer details' u CD mmarkati Dok MG3, ittra datata 2 ta' Settembru 2016 mmarkata bħala Dok MG4, u diversi dokumenti imsejjħa 'customer details' mmarkati bħala Dok MG5 sa MG10 rispettivament.

   Ix-xhud spjegat kif hija ġiet mitluba sabiex tagħti nformazzjoni fuq żewġ numru partikolari li huma 99132168 u 79229939 bħala calls, registration details u l-IMEI li jiġi paired ma dawk iż-żewġ numri. Hija saħqet li għaddiet l-informazzjoni mitluba lil pulizija. In-numru 99132168 ġie paired ma żewġ IMEIs partikolari li huma 01372400038114 u 354456305487488. In-numru 79229939 ġie paired ma tlett IMEIs differenti li huma 01359700080098, 35697905341903 u 35721306455698. Ix-xhud kienet ġiet mitluba wkoll biex tindika l-IMEI 01359700080098 ma liema numri ġie paired u hija indikat li dan ġie paired ma 79229939.

3. **Neville Gafa** xehed kif fit-28 ta' Lulju 2016 kien bagħat għalih l-Ispettur Rennie Stivala

u kelmu fuq diversi allegazzjonijiet li l-imputat għamel fil-konfront tiegħu. Huwa xehed kif fost l-oħrajn l-imputat beda jallega li x-xhud kellu jagħtih xi €38000 ta' Visas li suppost ħarġu u ma ħarġux.

Neville Gafa spjega kif dak iż-żmien huwa kien Project Director fil-Ministeru tas-Saħħa u kif faqgħet il-gwerra tal-Libja, l-Gvern Libjan talab l-għajnuna ta' Malta, sabiex Malta tkun ta' assistenza għal diversi midruba. L-uffiċċju ta' Neville Gafa beda jirċievi l-medical reports ta' nies midruba u huwa kien jgħaddihom lill-Isptar Mater Dei. Meta dawn il-medical reports kienu jiġu vetted u kien ikun aċċertat li Malta setgħet tilqa dawn in-nies kienet tiskatta l-proċedura sabiex dawn il-pazjenti jinġiebu Malta.

Gafa spjega kif kien jikkoordina din il-proċedura maċ-Chief Medical Officer, u mal-pulizija tal-immigrazzjoni biex tkun tista' tinħareġ il-Visa. Il-pazjenti midruba kienu jintalbu ħlas ta' €6 għal Visa, li kien jirċevuhom mill-ewwel il-pulizija tal-immigrazzjoni hekk kif dawn jinżlu r-runway tal-ajruport. Fil-każ tal-pazjenti li kienu jaqgħu fil-kategorija ta' medical tourism il-proċedura kienet l-istess, iżda l-ammont ta' sitta u sittin ewro kien jitħallas lill-uffiċċju ta' Gafa, imbagħad kienu jgħaddu dawn il-flus lil CVU. Is-sitta u sittin ewro kienu administrative fee u ma kinitx refundable.

Ix-xhud sostna li huwa sar jaf lill-imputat permezz tal-ambaxxatur ta' dak iż-żmien is-Sur Mannie Galea fejn kien informah li l-imputat kellu jgħaddilu xi rapporti mediċi ta' xi midruba.

Ix-xhud ikkonferma li huwa kien għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra għax l-imputat kien bagħtlu sms u ħass li bih kien qed jipprova jixtrih billi qallu sabiex jilħqu kompromess. Ix-xhud sostna li l-imputat kien beda anke jirrikattah billi kien bagħtlu sms u nfurmah li jekk ma kienx ha jagħtih flusu lura, kien hemm xi videos u xi files li kien lest li joħroġhom.

Ix-xhud ikkonferma li huwa għandu karozza waħda li hija BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni DCA 395. Ix-xhud ippreżenta seba' faċċati ta' sms's li kienu jikkonsistu f'ritratti li l-imputat kien bagħatlu. Dawn ġew esebiti bħala dokument wieħed u mmarkat bħala Dok NG1.

Fil-kontroeżami tiegħu x-xhud sostna li meta ltaqa mal-imputat huwa kien jaħdem fil-qasam tas-saħħa bħala Project Director Health. Ix-xhud sostna li l-midruba ma kienu jħallsu xejn u jħallas il-Gvern Libjan. L-akkomodazzjoni jħallasha l-individwu. Stqarr ukoll li l-due diligence kien isir mill-Gvern Libjan u l-qbil bejn iż-żewġ gvernijiet kien li l-Visa toħroġ kif il-pazjent jinżel fir-runway. Ix-xhud ikkonferma li f'Mejju 2016 huwa ġie trasferit għal Għawdex b'effett immedjat. Minn meta ġie trasferit lejn Għawdex, baqgħu jinġibu biss ftit pazjenti b'każijiet urġenti. Ix-xhud sostna li huwa ma jiftakar bl-ebda numru tal-mobajl li ġie ndikat lilu u cjoe n-numru 99975262, 99384803 u 99132168. Ix-xhud stqarr ukoll li l-uniċi numri li jiftakar bl-amment huma t'ommu, ta' missieru u tad-dar t'ommu.

4. **Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta** ppreżenta dokument relatat mal-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni DCA 395 li ġie mmarkat Dok SC1.

5. **Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanija fi ħdan l-MFSA** ppreżenta All Registered Documents tal-Kumpanija Aurum Tribus Limited mmarkat bħala Dok QT1.

6. **PS1300 Julian Fenech** ikkonferma li l-PIRS report li jinsab a fol 89 et sequitur tal-proċess kien sar minnu.

7. **Karen Cremona in rappreżentanza ta' Transport Malta** xehdet u kkonfermat li Neville Gafa kellu żewġ BMW's rreġistrati fuq ismu. Il-BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni GBR 492 ġiet rreġistrata fuqu fit-8 ta' Lulju 2014 u eventwalment trasferita fuq ħaddieħor fil-15 ta' Mejju 2015. Filwaqt illi l-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni DCA 395 ġiet rreġistrata fuqu fit-28 ta' April 2015 u għadha rreġistrata fuqu. Ix-xhud ppreżentat dokument li ġie mmarkat bħala Dok KC1.

8. **Ex WPC 304 Lorna Mifsud** xehdet li fit-30 ta' Awwissu 2016 hija kienet stazzjonata l-Għassa ta' San Ġiljan. Ix-xhud sostniet li dakinhar għal ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija l-imputat mar l-għassa fejn għamel rapport. In-numru ta' dan ir-rapport huwa SA/N/6263/2016 u l-istess xhud ikkonfermat li r-rapport huwa l-istess wieħed li qed tiġi murija li fil-proċess li huwa mmarkat DOK RS 11 a fol 82.

In kontro-eżami x-xhud ikkonfermat li l-imputat ma ndikala l-ebda persuna li setgħet ċemplitlu u qalilha biss li t-telefonata rċeviha mingħand unknown number.

9. **Peter Cordina** xehed kif bħala Chairman tal-Fondazzjoni For Medical Services (FMS), fuq direzzjoni tas-Segretarju Permanenti kien bagħat kwerela lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga allegazzjonijiet li ġew irrapurtati lil Fondazzjoni fuq Neville Gafa.

   Neville Gafa kien bagħtilhom ittra fejn kien ċaħad dawn l-allegazzjonijiet.

10. **James Camenzuli** xehed kif bejn Ġunju tas-sena 2014 u Ġunju tas-sena 2016 huwa kien CEO tal-FMS. Ix-xhud sostna li Neville Gafa kien jaqa taħt il-kotba tal-FMS u kien jopera fil-Ministeru tas-Saħħa. Ix-xhud spjega kif fuq struzzjonijiet tal-Permanent Secretary kienet intbgħatet l-ittra li kien qed jiġi muri mill-Prosekuzzjoni lil Neville Gafa sabiex jagħti spjegazzjoni rigward l-allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru fuqu. Neville Gafa rrisponda lura billi ċaħad dawn l-allegazzjonijiet.

11. **Nasser Ali Alamhjoub** xehed kif f'Diċembru 2016 ġie mitkellem mill-pulizija u sostna lu huwa kien talab l-għajnuna tal-imputat sabiex ikun jista jiftaħ kont f'bank Malti. Ix-xhud sostna li l-irċevuta li qed jiġi muri mill-prosekuzzjoni huwa qatt ma kien raha qabel. Ix-xhud sostna li huwa sar jaf lill-imputat mill-komunità Libjana li tgħix f'Malta.

    In kontro-eżami x-xhud ċaħad li huwa kien għadda lill-imputat il-passaport, l-insurance u r-rapport mediku. Ċaħad ukoll li huwa kien iltaqa ma Neville Gafa.

    Fir-rieżami tiegħu x-xhud sostna li jista jkun li għadda kopja tal-passaport tiegħu li xi ħaddieħor u mhux lill-imputat.

12. **Maria Bugeja** xehdet li f'Lulju 2016 hija kienet tokkopa l-kariga ta' CEO ta' Saint James Capua Hospital. Ix-xhud sostniet kif qabel l-2015 l-imputat kien jieħu pazjenti Libjani ġewwa Saint James Capua Hospital. Darba minnhom l-imputat talab lix-xhud sabiex isir xi tip ta' kuntratt fejn huwa jkun referer. Ix-xhud kienet staqsitu jekk huwa

kienx qiegħed jippretendi xi commission u l-imputat kien sostna li huwa ma riedx commissions, iżda li ma jkollux għalfejn kull darba jmur l-isptar mal-pazjenti.

Eventwalment fil-15 ta' Settembru 2015, kien sar kuntratt bejn l-imputat u l-Live Life. Finalment fid-29 ta' Frar 2016 filwaqt li kien ġie tterminat il-kuntratt tal-15 ta' Settembru 2015, kien sar kuntratt bejn l-imputat u s-Saint James Capua Hospital.

Ix-xhud spjegat li l-proċedura sabiex pazjent jinġieb Malta jew sabiex jieħu l-kura ġewwa Saint James Capua Hospital kienet li kien jintalab kopja tal-passaport tal-pazjent u kopja tal-medical report. Kien hemm żmien li skond il-liġi kien jeħtieġ li l-klijent ried ikollu life insurance u anke jipprovdi kopja tal-biljetti tal-ajru.

Ix-xhud xehdet kif darba minnhom, fil-bidu ta' meta l-imputat kien iffirma l-kuntratt mal-Live Life, huwa kien għaddielha ħames passaporti u ħames medical reports. L-għada kien mar l-isptar u lis-segretarju tax-xhud talabha lura passaport minnhom u infurmaha li ma ridx li jkomplu bil-proċess tal-applikazzjoni ta' dan il-passaport. Ix-xhud sostniet li din il-biċċa tax-xogħol ma kinitx għoġbitha u għalhekk kienet ċemplet lill-imputat u infurmatu li ma kienet ha tipproċessa l-ebda applikazzjoni. Għal kull applikazzjoni kien hemm administration fee min naħa tal-isptar u CVU fee għall-applikazzjoni tal-visa.

Ix-xhud spjegat kif fis-sena 2014, kienet ġiet ikkuntatjata mill-Ministru tas-Saħħa u infurmaha li minħabba l-gwerra li kienet għaddejja ġewwa l-Libja, kien hemm il-ħtieġa li Malta tgħin lil midruba.

Kien propju dak iż-żmien li Neville Gafa beda jkun il-punt ta' referenza bejn l-uffiċju tal-OPM u l-isptar.

Neville Gafa kien jgħaddi lill-isptar, pazjenti Libjani li l-Gvern Malti kien ikun se jgħin. Il-ħlas ta' dawn il-pazjenti kien responsabbli għalihom il-Gvern Malti. Fil-bidu l-invoice kienet tinħareġ lill-Ambaxxata Libjana iżda l-Ambaxxata Libjana ħallset biss terz tal-kont u għalhekk imbagħad ix-xhud kienet tkellmet ma Neville Gafa u Neville Gafa kien irnexxilu iġibilha l-ħlas tal-pagament kollu mingħand il-Ministeru tal-Finanzi tal-Libja.

L-imputat ma kellu x'jaqsam xejn mal-pazjenti li kien iġib il-Gvern Malti mill-Libja. Ix-xhud sostniet li ġieli kelmet lil Neville Gafa fuq il-pazjenti li kien jirreferi għandhom l-imputat u dan rigward il-visa tagħhom. Neville Gafa kien japplikalhom għal visa.

Fil-kontro-eżami x-xhud sostniet li għal dawk il-pazjenti li kien jieħu ħsieb l-uffiċċju tal-OPM, l-istess uffiċċju kien jgħaddilha kopja tal-passaport u l-medical report tal-istess pazjenti. Imbagħad eventwalment kien ikun il-Medical Director li kien jiddeċiedi jekk għandhomx jinġiebu Malta jew le.

Ix-xhud sostniet li l-Isptar kien fadallu jitħallas l-ammont ta'miljun u sitt mitt elf ewro. Ix-xhud sostniet ukoll li l-Isptar qatt ma kien iffirma xi kuntratt mal-uffiċċju tal-OPM rigward dawn il-pazjenti. L-uffiċċju tal-OPM jew il-Gvern Malti qatt ma ħallsu xejn lill-isptar.

Il-ftehim li l-isptar kellu mal-imputat kien differenti u ma kellu x'jaqsam xejn mal-ftehim li l-istess sptar kellu mal-Gvern Malti.

13. **L-Assistent Kummissarju Ian Abdilla** xehed li għan-nofs tas-sena elfejn u sittax kien irċieva rapport dwar allegazzjonijiet li kienu qed isiru mill-imputat kontra Neville Gafa fuq il-kwistjoni ta' ħruġ ta' visas għal persuni Libjani li kienu qegħdin jiġu Malta għal skop mediku. Ix-xhud kien assenja dan ir-rapport lill-Ispettur Rennie Stivala u ġieli anke kien preżenti għal xi waqtiet mill-konverżazzjonijiet li l-Ispettur Stivala kien ikollu mal-imputat, li għalihom kien ikun preżenti wkoll l-avukat tal-istess imputat. Ix-xhud sostna li huwa jiftakar li l-imputat kien uriehom xi irċevuta u kien isostni li jrid iġib xi xhieda mill-Libja, iżda dawn ix-xhieda ma waslu qatt.

Ix-xhud sostna li huwa ma jiftakarx li kien ġie mgħoddi xi telephone numbers ta' xi persuni Libjani. Ix-xhud sostna wkoll li minkejja li l-imputat kien infurmah li għandu xi filmati biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu, eventwalment dawn il-filmati baqgħu ma ġew mgħoddija qatt lil pulizija għax skond l-istess xhud dawn il-filmati jinsabu l-Libja u ma jistax iġibhom Malta. Ix-xhud sostna li kien anke mar ikellmu s-Sur Ivan Grech Mintoff iżda l-istess bħal imputat baqa qatt ma pprovdilu d-dokumenti li kienu qegħdin jissemmew.

In kontro-eżami, ix-xhud sostna li **l-imputat qatt ma għamel rapport fil-konfront ta' Neville Gafa,** imma l-pulizija kienu irċevew rapport mingħand Peter Cordina tal-Foundation for Medical Services fejn talab lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru fuq Neville Gafa.

Ix-xhud spjega li l-imputat kien għamel rapport fuq allegatament theddid li kien qiegħed jirċievi. Ix-xhud ikkonferma li l-SMS inkwistjoni għalkemm kien annonimu, kien hemm indikat fih sabiex l-imputat ma jitkellem xejn dwar il-Visa Unit u ssemew xi nies b'isimhom inkluż Ryan Spagnol.

Ix-xhud sostna li huwa ma jiftakarx li l-Avukat tal-imputat kien għaddielu tlett ismijiet ta' persuni Libjani u infurmah li l-filmati qegħdin għandhom. Ix-xhud sostna li huwa lanqas ma jiftakar li l-avukat kien għaddielu t-telephone numbers tagħhom sabiex jikkuntattjahom. Ix-xhud sostna li ma jiftakarx lanqas li meta darba l-avukat staqsih jekk għamilx kuntatt ma' dawn il-Libjani, l-istess xhud informa lil avukat li għadu ma kkuntattjahomx għax kien iffukat fuq xogħol aktar urġenti.

14. **Natalie Briffa Farrugia** xehdet li hija waħda mid-Diretturi tal-Live Life. Ix-xhud sostniet li l-persuna responsabbli mill-operat tal-Live Life kienet Maria Bugeja. Murija kuntratt a fol 73 tal-proċess, ix-xhud sostniet li dak huwa wieħed mill-kuntratti li l-Live Life kienet topera. Ix-xhud spjegat li hija qed tagħraf il-firem tagħha u ta' Maria Bugeja iżda ma tafx ta' min hi t-tielet firma għax hija ma kinitx involuta fl-operat u anke l-kuntratti ma kinitx tkun taf x'fihom. Il-kuntratti kienu jaslulha l-uffiċċju u hija kemm kienet tiffirmahom biss.

15. **L-Istqarrija tal-imputat Khaled M Ibrahim Ben Nasan** datata 16 ta' Novembru 2016**,** fejn l-imputat ikkonferma li fit-30 ta' Awwissu 2016 kien mar l-Għassa ta' San Ġiljan u rrapporta li kien irċieva telefonati u anke sms ta' theddid min numru 99132168. Mistoqsi jekk jafx min seta' bagħat dan il-messaġġ l-imputat sostna li seta' kien Neville Gafa għaliex huwa kellu xi problemi miegħu minħabba l-fatt li l-imputat kien għadda xi flus lil Neville Gafa biex jinġiebu xi Libjani mill-Libja għal kura f'Malta u baqgħu ma nġiebux f'Malta. L-imputat fl-istqarrija tiegħu sostna li huwa ma huwiex żguri li kien Neville Gafa li bagħatlu dan l-sms.

L-imputat ikkonferma li in-numru tal-linja tal-mobajl 79229938 huwa numru tiegħu u kien reġistrat fuqu. Huwa sostna li dak in-numru użah l-aħħar fis-sena 2016 iżda ma jafx meta. Dik il-linja kienet ġiet użata fuq iphone u fuq samsung.

L-imputat sostna li f'Malta qatt ma kien uża mobajl Nokia bl-IMEI 35456305487488. Meta ġie ssuġġeriet lilu li n-numru li huwa ndika li rċieva t-theddida minn fuqu kien l-istess telephone li bejn Jannar 2015 u Ġunju 2016 l-imputat uża bil-linja tiegħu 79229938, l-imputat sostna li huwa uża iphone u samsung u qatt ma uża n-nokia li tiegħu ġie muri r-ritratt.

Mistoqsi jekk huwa kellux xi mobajl li kien juża mal-linja 79229938 u tah lil xi ħadd wara Ġunju 2016, l-imputat sostna li le u l-mobajl phones li kellu għadhom għandu u li kien lest li jgħaddihom lil pulizija għall-istħarriġ.

L-imputat sostna li l-linja 79229938 użaha l-aħħar matul l-2016 u wżaha l-aħħar fis-Samsung biex juża l-viber għax ried jikkomunika ma Manny Galea.

L-imputat ċaħad li dak il-messaġġ ta' theddid bagħtu hu stess lilu nnifsu. L-imputat sostna li huwa ma jafx kif is-service provider sostna li l-linja li ntużat biex intbagħat dan il-messaġġ ta' theddid kienet qegħda ġo mobajl li kien qiegħed jintuża ukoll mil-linja li sa ftit qabel kienet irreġistrata fuq ismu.

L-imputat sostna li matul is-sena 2016 il-linja 79229938, kien użaha f'mobajl Iphone 6 li sussegwentament huwa għadda lil Neville Gafa bla ħlas biex ikun jista jużah għax-xogħol tal-visas mediċi tal-Libja.

L-imputat sostna li huwa kellu xi komunikazzjoni man-nies Libjani li jistgħu jixħtu aktar dawl fuq il-verżjoni tiegħu ta' kwistjoni li huwa kellu ma Gafa u fil-fatt kien qiegħed jistenna li jirċievi rapport mill-Libja li jispjega ħafna affarijiet u li huwa kien lest li jgħaddih lil pulizija. Sostna li huwa qatt ma ġab provi mill-Libja għaliex hija x-xewqa tiegħu u tal-Awtoritajiet Libjani li din il-kwistjoni ta' Neville Gafa tiġi solvuta b'mod amikevoli.

16. **L-Istqarrija tal-imputat Khaled M Ibrahim Ben Nasan** datata 19 ta' Novembru 2016**,** fejn permezz tagħha huwa sostna li huwa kellu żewġ iphones u żewġ mobajls tal-għamla samsung u indika n-numru tal-IMEI tagħhom u l-mudelli tas-settijiet tagħhom.

In sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Imputat Ben Nasan Khaled M. Ibrahim Mohamed** xehed li huwa ilu jgħix Malta għal dawn l-aħħar tmintax il-sena. L-imputat stqarr li għandu l-ħbieb ġewwa l-Gvern tal-Libja. Meta nqalgħet il-Gwerra fil-Libja, nies li kienu jaħdmu ma Muammar Gaddafi talbuh l-għajnuna fuq l-ikel, fuq l-ilma u anke fuq il-ħalib tat-tfal. Għal sentejn sħaħ huwa għenhom billi kien jibgħat il-prodotti lejn il-Libja.

   Imbagħad għamel l-arranġamenti meħtieġa sabiex persuni midruba jieħdu l-kura f'diversi pajjiżi fosthom Ġermanja, Franza, Turkija u Ġordan.

   Ix-xhud ġie avviċinat minn Mannie Galea l-Ambaxxatur Malti għal Libja fejn intalab li jgħin fuq diversi kwistjonijiet. Eventwalment ix-xhud kien talab lill-Ambaxxatur jekk kienx possibbli li jinġiebu Malta nies midruba sabiex jingħataw il-kura ġewwa Malta. Wara ftit l-Ambaxxatur ikkuntattja lix-xhud u nfurmah li Malta kienet aċċettat li jinġiebu nies midruba u jingħataw kura b'xejn.

   Saru l-arranġamenti meħtieġa fejn ix-xhud kien jibgħat lill-Ambaxxatur kopja tal-passaport u rapport tat-tabib, imbagħad meta toħroġ il-visa kienu jinġiebu l-pazjenti f'Malta u kienu jingħataw il-kura ġewwa l-Isptar Mater Dei u ġewwa l-Isptar Saint James.

   Eventwalment l-Ambaxxatur Mannie Galea talab lix-xhud sabiex jikkuntattja lil Neville Gafa u jibda jkellem lilu. Meta ltaqa' għall-ewwel darba ma Neville Gafa ġewwa l-uffiċju tal-Ministru tas-Saħħa, ix-xhud ġie nfurmat minn Neville Galea sabiex jibda jibgħat u jikkomunika dirett miegħu u mhux aktar mal-Ambaxxatur.

Għalhekk ix-xhud beda jibgħat il-kopja tal-passaporti u r-rapport tat-tabib lil Neville Gafa. Wara xi xahrejn, dan kien fis-sena 2015, Neville Gafa talab lix-xhud sabiex ikellem lill-Ambaxxatur Mannie Galea.

L-Ambaxxatur Mannie Galea informa lix-xhud li din is-sistema kienet se tieqaf għax ma kienx fadal flus u jekk kien hemm xi midruba li xtaqu jieħdu l-kura f'Malta dawn kellhom jibdew iħallsu għal din l-istess kura.

Ix-xhud beda jġib diversi pazjenti iżda mbagħad Neville Gafa infurmah li kull min jiġi f'Malta għal kura kellu jibda jħallas id-depożitu. Iffaċjat b'din is-sitwazzjoni x-xhud avviċina lill-Ministru tas-Saħħa tal-Libja Ali Abulsaba  u talbu sabiex il-Gvern Libjan iħallas depożitu ta' kważi żewġ miljuni kif mitlub minn Neville Gafa. Il-Ministru nfurmah li sabiex jitħallas id-depożitu, qabel xejn kellhom isiru xi diskussjonijiet mal-Gvern Malti. Dan id-depożitu kien ġie mitlub mhux biex titħallas il-kura iżda tas-servizz li l-pazjent kien qiegħed jirċievi f'Malta eżempju akkomodazzjoni ġewwa lukanda.

Eventwalment Neville Gafa reġa insista li qabel jiġu f'Malta, il-pazjenti kellhom jibdew iħallsu d-depożitu. Kienu saru l-arranġament sabiex il-Ministru tas-Saħħa Libjan u l-konsulenti tiegħu jiġu għad-diskussjonijiet hawn Malta, iżda wara li dawn insistew li jekk kienu ħa jgħaddu xi flus huma riedu li jkollhom l-irċevuti tal-ħlasijiet u anke jaraw il-kuntratti, minkejja li l-visa kienet diġa nħarġet, x'ħin waslu l-ajruport tat-Tuneżija sabu li l-visa kienet ġiet ikkanċellata. Meta x-xhud ikkuntattja lil Neville Gafa, huwa ġie infurmat li minħabba li riedu jiċċekkjaw kollox, Neville Gafa ddeċieda li jikkanċella l-visa tagħhom sabiex ma jkunux jistgħu jiġu Malta.

Imbagħad kienu infurmawh biex ma jdaħħalx aktar lil Gvern tal-Libja. Eventwalment Neville Gafa beda jieħu l-flus. Infurmawh li se jibdew jużaw Sptar privat u meta staqsihom min se jħallas għal kura huma infurmawh li kien il-Gvern Malti li se jħallas għal kura.

Darba minnhom huwa kien bagħat diversi kopji ta' passaporti lil Neville Gafa, għadda xahar u kien għadu ma sema' xejn. Għalhekk huwa kkuntattja lil Neville Gafa fejn

infurmah li minħabba li kienet inqalgħet problema l-visa airport ma kienitx se tibqa tinħareġ.

Xi xahar u nofs wara, Neville Gafa ikkuntattja lix-xhud u infurmah li se jerġgħu jibdew joħorġu l-visa iżda mhux visa airport.

Ix-xhud kien jibgħat lil Neville Gafa id-dokumenti kollha mitluba u meta Neville Gafa kien jinforma lix-xhud li l-proċess huwa lest, ix-xhud kien iħalli l-envelope bil-flus ġo fih lil Neville Gafa fl-uffiċju tal-Ministru tas-Saħħa. L-ammonti kienu jvarjaw. Ġieli talbu ħames mitt ewro, elf euro etc. Il-flus kienu jitħallsu mill-pazjenti u ġieli ħariġhom minn butu għaliex il-pazjenti kienu jgħidulu li jħallsuh meta jkunu Malta. Ix-xhud kien imur jiġbor flusu l-Airport.

Imbagħad bdew jinqalgħu diversi problemi fosthom li kien hemm xi persuni li ma nħarġitilhomx il-visa u xi persuni oħrajn li kienu qegħdin jieħdu l-kura din l-istess kura twaqfitilhom ħesrem. Ix-xhud beda jipprova jiltaqa' ma Neville Gafa għaliex għandu kellu l-passaporti tan-nies u ried li jingħatawlu mad-disa' u tletin elf ewro li huwa kien ħallas lil Neville Gafa biex jinħarġu visas li baqgħu qatt ma tħallsu. Madanakollu Neville Gafa beda jaħarbu. Meta beda jċempillu kien jibgħatlu messaġġ biex jinfurmah li ma qiegħedx l-uffiċċju.

Dak iż-żmien ix-xhud kellu relazzjoni tajba ħafna ma Neville Gafa, fil-fatt kien jikkunsuirah bħala ħabib u għalhekk ix-xhud xtaq li din il-kwistjoni tiġi solvuta bil-kwiet bejniethom.

Eventwalment is-Segretarja ta' Neville Gafa kienet għaddietlu l-passaporti tan-nies iżda il-flus ma ġewx irritornati u lanqas l-insurances ma ġew irritornati. Fil-frattemp in-nies li ħallsu l-flus bdew jagħmlu pressjoni fuq ix-xhud sabiex joħduhom lura.

Darba minnhom Neville Gafa irritorna tlett elef ewro lix-xhud. Meta kompla jagħmillu aktar pressjoni, Neville Gafa stqarr max-xhud li huwa ma setax iħallsu għax daħal fl-ispejjeż u kien għadu kif xtara karozza. Ix-xhud sostna li huwa rikeb f'din il-karozza. Il-karozza kienet tal-għamla BMW ta' kulur sewda. Ix-xhud sostna li ma jafx jekk dik il-karozza kienitx irreġistrat fuq Neville Gafa.

Ix-xhud sostna li mbagħad mar ikellem lil Ministru Dr Chris Cardona u l-Ministru ssuġġerixxa li x-xhud jibgħat ittra lill-Ministru tas-Saħħa. Ix-xhud ha l-parir tal-Ministru, imma huwa baqa' ma rċevieha l-ebda risposta mingħand il-Ministru tas-Saħħa. Eventwalment iltaqa' mal-Ministru tas-Saħħa iżda s-sitwazzjoni ma nbidlitx. Imbagħad inbidel il-Ministru tas-Saħħa u reġgħet intbagħtet l-ittra.

Wara li ntbagħtet dik l-ittra, ix-xhud irċieva telefona mingħand l-ispettur fejn talbu sabiex imur ikellmu fuq dik l-ittra.

L-ispettur kien talbu sabiex jagħtih l-evidenza kollha li għandu u x-xhud infurmah li evidenza għandu iżda tinsab il-Libja. Ix-xhud sostna li l-Avukat tiegħu għadda lil pulizija t-telephone numbers tat-tlett persuni Libjani li għandhom din l-evidenza, iżda l-pulizija baqgħet qatt ma għamlet kuntatt magħhom.

Dawn it-tlett persuni li l-pulizija jafu min huma għaliex ingħataw d-dettalji tagħhom mill-avukat tax-xhud, jekk tinħarġilhom il-visa kienu lesti li jiġu Malta sabiex jipproduċu din l-evidenza.

Rigward il-kuntratti li l-kumpanija tiegħu iffirmat l-ewwel mal-Live Life u eventwalment ma' Saint James, l-imputat sostna li huwa daħal għal dawn il-kuntratti fuq talba ta' Neville Gafa. Ix-xhud sostna li l-passaporti mogħtija lil Saint James ma kienux jiġu mogħtija lil Ministru tas-Saħħa.

B'referenza għax-xhieda ta' Nasser Ali Alamhjoub ix-xhud insista li Nasser Ali Alamhjoub kien talbu l-għajnuna sabiex tinħariġlu l-visa biex huwa jkun jista' jiġi Malta. Ix-xhud insista li huwa kien saħansitra ħallas anke l-flus minn butu lill-Neville Gafa sabiex tinħareġ din il-visa. Meta għaddew ix-xhur u dik il-visa baqgħet ma nħarġitlux Nasser Ali Alamhjoub kien talab l-għajnuna ta' xi ħadd ieħor u l-visa nħarġet.

Fix-xhieda tiegħu b'referenza għall-sms ta' theddid li huwa jsostni li rċieva u li għamel ir-rappport dwarha, ix-xhud sostna li huwa qatt ma informa lill-ispettur li dak l-sms kien bagħtu Neville Gafa u li huwa ma kellux mobajls tal-għamla Nokia. L-uniku

wieħed li kellu kien xi għaxar snin qabel. Ix-xhud sostna li huwa kien ta' xi erba' mobajls lil Neville Gafa.

In kontro-eżami ix-xhud ikkonferma li huwa kien għadda dikjarazzjoni lill-Ispettur Rennie Stivala u ikkonferma li huwa sostna mal-Ispettur Rennie Stivala li huwa kien ħallas lil Neville Gafa kważi disa' u tletin elf ewro.

Fil-kontroeżami tiegħu ix-xhud insista li huwa ma kienx iħallas lil Neville Gafa l-ħlas tal-isptar ukoll. Ix-xhud insista li kemm il-darba ħareġ il-flus mill-but biex iħallas lil Neville Gafa. Il-flus lil Neville Gafa kien jagħtihomlu meta kien jgħaddilu l-passaport oriġinali tan-nies.

Ix-xhud sostna li huwa rikeb fil-karozza s-sewda ta' Gafa fl-aħħar tas-sena elfejn u ħmistax.

Mitlub jispjega kif it-telefonati ta' theddid u l-sms saru minn fuq linja li ġiet attivata f'mobajl li sa tlett xhur qabel kien marbut ma kuntratt fuq ismu, ix-xhud sostna li l-mobajl u l-linja kien tilifhom fl-elfejn u erbatax u kien għamel rapport lil pulizija li kien tilifhom, bix-xhud jippreżenta l-irċevuta tar-rapport tal-pirs li ġie anness Dok KN10. Ix-xhud spjega wkoll li huwa veru li fl-2011 kien irreġistra s-servizz fuq ismu, iżda huwa qatt ma kellu kuntratti mal-Vodafone.

2. **Ivan Grech Mintoff** xehed li huwa ilu jaf lill-imputat sa mis-sena 2015 għaliex l-imputat għandu x'jaqsam mas-Schengen, Visa, Medical Visas u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Libja u għalhekk sar jafu b'dan il-mod.

   Ix-xhud sostna li huwa kien jippreżenta programm investigattiv fuq it-televixin bl-isem Exodus fuq F Living u kien qed jinvestiga l-bejgħ illegali tal-visas. L-imputat beda jissemma li huwa il-whistleblower. Il-Pulizija kienu bagħtu għax-xhud u fi żmien siegħa il-ġurnali kienu diġa rraportaw lil-pulizija kienu bagħtu għax-xhud. Minħabba dan il-fatt ix-xhud tilef il-fiduċja fl-Ispettur Stivala. Ix-xhud sostna li meta mar ikellem lill-Ispettur Stivala, preżenti kien hemm l-Assistent Kummissarju Ian Abdilla li beda jirrekordja permezz tal-ipad tiegħu u l-istess video spiċċa Kastilja.

Ġimgħa qabel ma kien se jsir il-programm fejn l-imputat kien ha jiżvela li Neville Gafa kien qiegħed jieħu l-flus, huma kienu ħarġu promozzjoni ta' dan il-programm fejn kienu żvelaw li l-whistleblower kien sejjer jiżvela diversi dettalja. F'dik il-ġimgħa l-imputat kien irċieva xi telefonati jhedduh li jekk kien se jitkellem lit-tfal jista jinsihom. Fid-dawl ta' dan it-theddid, id-diriġenza ta' Fliving iddeċidiet li l-programm ma kellux jixxandar. L-imputat xorta waħda kien dispost li jipparteċipa fil-programm. Ix-xhud sostna li anke huwa ġie mhedded, fejn ġie infurmat mill-Libyan Secret Service li huma għandom informazzjoni minn Malta li minħabba din l-investigazzjoni li kien qiegħed jagħmel huwa kellu jtir b'mod imminenti.

Ix-xhud sostna li kkuntattjaw diversi persuni Libjani fejn ikkonfermaw miegħu li huma ħallsu sabiex tinħarġilhom il-visa u li kienu jiddiljaw ma Neville Gafa. Ix-xhud sostna li dan xehduh anke f'kawżi oħrajn. Dawn in-nies anke ġew irrekordjati jsostnu li huma ħallsu sabiex tinħarġilhom il-visa.

Fil-kontro-eżami tiegħu x-xhud isostni li l-investigaturi mhux biss kienu ngħatawlhom in-numri tal-telephones ta' nies li kienu ġewwa l-Libja, iżda l-investigaturi kellhom dettalji ta' persuni li kienu jinsabu Malta u li dawn in-nies kienu ħallsu biex inħarġitilhom il-visa u l-investigaturi baqgħu ma bagħtux għalihom u ma għamlu l-ebda kuntatt magħhom.

Ix-xhud sostna li kien hemm diversi individwi li sostnew li huma ħallsu l-flus lil Neville Gafa sabiex tinħarġilhom il-visa, iżda huwa qatt ma ra b'għajnejh lil xi ħadd jgħaddi l-flus lil Neville Gafa.

Ix-xhud sostna wkoll li kien anke avviċinat minn terzi fejn talbuh sabiex ma jibqax jiżvela aktar informazzjoni fuq ix-xiri tal-visas u anke offrewlu li jagħtuh dak li jitlobhom jekk jieqaf milli jkompli jiżvela aktar dettalji fuq ix-xiri illegali tal-visas.

3. **Il-Perit Mannie Galea** xehed li bejn is-sena 2013 u 2016 huwa serva bħala Ambaxxatur ta' Malta għal Libja u f'dak il-perjodu r-residenza tiegħu kienet kemm f'Malta u anke fil-Libja. Ix-xhud sostna li kien mis-sena 2014 li Malta bdiet tassisti lil midruba.

Ix-xhud sostna li huwa jaf lill-imputat għaliex kien jgħaddilu xi dokumenti ta' persuni midruba biex imbagħad huwa kien jgħaddihom lil Ministeru tas-Saħħa u lil Neville Gafa. Il-komunikazzjoni ma Neville Gafa kienet issir permezz tal-emails u permezz tat-telephone.

In kontro-eżami x-xhud sostna li l-imputat qatt ma lmenta miegħu li Neville Gafa kien qed jitolbu xi flus.

4. **Seraj Adden Sasi Ali Essa** xehed li huwa kien responsabbli mill-affarijiet barranin u korporazzjoni internazzjonali tal-Libja. Ix-xhud sostna li fl-2014 il-Libja kienet qed tiffaċja sitwazzjoni diffiċli fejn kien hemm l-ajruport magħluq u ma kienx hemm aċċess għalih. Il-Gvern Malti offra li jagħti l-kura lil midruba fil-gwerra b'xejn.

Kien hemm diversi persuni midruba li ħadu l-kura f'Malta b'xejn. Però mbagħad meta daħal Neville Gafa, is-sitwazzjoni inbidlet għaliex kien beda jitlob il-ħlas. L-imputat kien ġie mqabbad mill-istat Libjan sabiex jieħu ħsieb li jsiru dawn il-ħlasijiet.

Ix-xhud sostna li huwa ġieli ġie personalment bil-flus lejn Malta. Ix-xhud sostna li huwa f'Malta ġab miegħu żewġ envelopes bil-flus. Wieħed kien jammonta għal ħdax il-elf u l-ieħor kellu madwar disa' t'elef u disa' mija.

Ix-xhud sostna li flimkien mal-imputat kienu marru l-Ministeru tas-Saħħa fejn għaddew il-flus lil Neville Gafa. Is-Segretarja tiegħu bdiet tgħodd dawn il-flus. Ix-xhud sostna li huwa ra b'għajnejh lil Neville Gafa jirċievi dawn il-flus.

Flimkien mal-flus, huma kienu għaddew lil Neville Gafa diversi passaporti.

Ix-xhud ippreżenta diversi dokumenti fosthom dokument anness u mmarkat Dok AE1, li fost l-oħrajn jinkludi lista ta' persuni li minkejja li ħallsu l-flus, il-visa baqgħet ma nħarġitilhomx. Minkejja dan, l-ammont imħallas baqa qatt ma ġie irritornat. Dan ir-rapport ġiet iffurmat mix-xhud stess.

Ix-xhud sostna li huma kienu kitbu l-ismijiet tal-persuni li għaddew il-passaporti lil Neville Gafa fuq żewġ karti fejn filwaqt li għaddew waħda lill-Neville Gafa, żammew

waħda għalihom li kien żammha l-imputat. Apparti minnhekk kienu anke ittajpjaw l-ismijiet.

Ix-xhud sostna li dawn in-nies ma nħarġitilhomx il-visa. Ma Neville Gafa ltaqgħu kemm il-darba fejn talbuh biex jagħtihom lura l-passaporti u anke l-flus. Ix-xhud sostna li safejn jaf hu l-passaporti ma ngħatawx lura, pero huwa kien mar lura l-Libja.

In kontro-eżami x-xhud sostna li kien Neville Gafa li talabhom il-flus. Ix-xhud sostna li Neville Gafa talab il-flus lill-imputat u l-imputat kien infurmahom b'kollox. Sostna li dawn il-flus kien ewro u dawn il-flus kienu intalbu biex toħroġ il-visa.

Ix-xhud iddikjara li huwa kien ġie Malta bil-flus darba biss għax kien ġej lejn Malta u talbuh biex iġib l-flus miegħu, jekk kien hemm drabi oħra huwa ma jafx bihom. Li jaf huwa li ġieli sar xi ħlas permezz ta' transfer.

Rigward it-theddid li l-imputat kien irċieva, ix-xhud kien ġie infurmat minn xi kollega tiegħu li l-imputat kien irċieva xi theddid minn fuq it-telephone u li l-uniku persuna li kellu l-problemi magħha kien Neville Gafa. Il-problemi li l-imputat kellu ma Neville Gafa kien propju minħabba dawn il-flus.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

**1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid

pero' li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raġuni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni: "***B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, ittentajt tagħmel qliegħ b'qerq ta' aktar minn ħames t'elef ewro (€5000) għad-dannu ta' Neville Gafa u/jew persuna oħra, reat li ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħek"*

Permezz ta' din l-imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat bir-reat ta' tentattiv ta' truffa.

Din il-Qorti tirrileva li fin-Nota tal-artikoli, l-Avukat Ġenerali naqas milli jindika l-artikolu tat-tentattiv, iżda din il-Qorti xorta tista' tikkunsidra jekk hemmx l-elementi tal-kompliċita' tar-reat in kwistjoni u dan in vista tal-artikolu 525(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jappplika l-artikolu 467 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri u Manweli sive Manwel Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Novembru 2001 fejn fost kunsiderazzjonijiet oħra, ġie kkunsidrat li:

> *'Huwa veru li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju (fol. 101) l-Avukat Generali ma indikax espressament l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali izda biss l-artikoli l-ohra li jsemmu l-appellanti. Pero` huwa wkoll principju elementari li meta persuna tkun akkuzata b'reat bhala awtur ta' dak ir-reat, qorti ta' gustizzja kriminali tista` ssib lil dik il-persuna hatja mhux bhala awtur izda bhala komplici f'dak ir-reat, jew inkella flok hatja tar-reat ikkunsmat hatja biss ta' tentattiv ta' dak ir-reat. Ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal- Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti li japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. Ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li l- Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, jindika l-artikolu tat- tentattiv.'*

Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat u l-provi prodotti.

Fis-sentenza **l-Pulizija vs Arnold Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Jannar 2019 ġie indikat is-segwenti:

> *"Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) Vs Aaron Mizzi'** gie kkunsidrat li: 'Din il-Qorti taqbel mal-argument tal-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu meta jghid, "... l-agir frawdolenti tal-imputat ma kienx maghmul b'semplici menzione izda akkumpanjat minn apparat estern li sahhah il-kredibilità tas- sitwazzjoni fabbrikata mill-imputat sabiex jirraggira lill-vittma. Il-messa in scena appuntu, kienet konsistenti fil-fatt li l-imputat iddepozita l-karta tal-identità tieghu mal-vittma u ftiehem mieghu biex izommhielu ghandu bhala garanzija illi kien se jhallas lura l-flus illi kien issellef." Dan l-agir tal-appellat jaqa' nettament taht il- kamp penali u l-ewwel Qorti ma kellhiex twarrab dawn il-fatti biex tghid illi din kienet kwistjoni civili bejn l-appellat u Cardona.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija versus George Manicolo'****, gie kkunsidrat li: "Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm ilmessa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur.*

*Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u filfatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;*
*Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'*

*Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'*** *gie kkunsidrat: 'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil- gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina*

*jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat) Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna.*

*Fi kliem Antolisei artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

*Antolisei jkompli jghid pero' li nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena: Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet.*

*Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati verament kienu diretturi tas-socjeta Bahia Estates Limited liema socjeta verament kienet akkwistat propjeta biex tizvilluppaha f'binja gdida. Jirrizulta wkoll li fil-fatt din il-propjeta giet zvilluppata bil-mod kif kellha tigi zvilluppata. Huwa pacifiku li s-socjeta Bahia Estates Limited kellha diffikoltajiet biex tottjeni ilkancellamenti minghand l-APS Bank Limited biex tkun tista' tbiegh parti mill-binja zvilluppata lill-parte civile. pero' huwa pacifiku ukoll li l-parte civile kienu jafu b'dawn iddiffikoltajiet u xorta baqghu iggeddu l-konvenju. F'dan il- kwadru ta' fatti ma tirrizulta lebda messa in xena, u lanqas ma jirrizulta xi ingann perpetrat da parti tas-socjeta Bahia Estates Limited li permezz tieghu inducie t lill-parte civile biex jaghmlu l-pagamenti li fil-fatt ghamlu.*

*Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, fil- fehma tal-Qorti r-reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma gew pruvati.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija Spettur Chris Pullicino Vs Joseph Incorvaja'*** *gie kkunsidrat li:*

*'Fir-raba' akkuza l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' frodi, kif kontemplat fl-artikolu 308. Din il-Qorti, ghal kull bon fini, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Mark Schembri fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan r-reat fis-sistema nostrana, kif ukoll dettalji estensivi dwar lelementi rikjesti mil-ligi taghna ghal biex jigi ntegrat r-reat ta' truffa.*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna, kienu gew mehuda minn Sir Adrian Dingli millparagrafu 5 tal-artikolu 430 tal-Codice delle due Sicilie li hu identiku, hlief ghal xi kelmiet insinifikanti, ghal Kodici Franciz (artikolu 405), avolja dan, il-Codice delle due Sicilie, ittruffa kien jsejhilha frodi - del resto anke llum dan d-delitt fil-Kodici taghna, hu indikativ bhala 'frodi b'ghemil qarrieqi'.*

*Skond il-gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif presjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti talelement materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li gejjin:*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd inkluz l-imputat.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu talingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa, w jikkommetti d-delitt ta' truffa kull min –*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew*
*c. ta' kwalifiki foloz,*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor, u*
*e. ingann, jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l- esiztenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor, jew*
*i. ta' krediti mmaginarji, jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*Fis-sentenza tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1895 moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Rex v Vittorio Azzopardi*** *(vol.XXIX - IV -pg.*

*398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn Chaveau et Helie u anke minn sentenzi tal-Corte di Cassazzione ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju, biex ikun hemm r-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza w sagacja ordinarja, li jridu jikunu frawdolenti w li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajjmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi.*

*F'dik is-sentenza ssemmiet wkoll is-sentenza* ***Regina v Giuseppe Galea*** *tat-tnax ta' Mejju, 1887 fejn gie stabbilit li :- "che per costituire la frode sotta la disposizione di quel articolo 282 (illum 308) non e' necessario la concorrenza di ambedue i mezzi menzjonati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza din un credito immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti"*

*Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. L- Imhallef William Harding fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Nikola Bonnici*** *deciza fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1944 jghid:-*
*"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha...waslet ghal konkluzzjoni li hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-merti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Regina v* ***Francesco Cachia u Charles Beck*** *deciza fit- tnejn ta' Jannar, 1896 li fiha intqal li 'quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falza ma richiede inoltre che siano stato impegnate inganno, raggire o simulazione ed e necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*L-Imhallef Guze Flores fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis*** *deciza minn din il-Qorti fil- wiehed u tletin ta' Ottubru, 1959, segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhu hekk: "Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal- falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur".*

*Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali li tissupera l- kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti lil dawk l-esterjorita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid- dritt Franciz mis en scene. L-istess interpretazzjoni*

*l- Imhallef Flores irrepetiha fis-sentenza tieghu fil-kawza flismijiet* ***Police v Schreiner*** *tat-tlieta ta' Mejju, 1956 u fil- kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Gerald Parretti*** *deciza fis- sebgha ta' April, 1950.*

*Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan r-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa hemm bzonn li s-sugett attiv tar-reat fil-mument tal- konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Ghal dak li hi definizzjoni jew tifsira x'inhuma akkuzi jew raggiri (mise en scene), iddefinizzjnoi moghtija mill- Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale ( vol 1 - pg. 280) hija bizzejjed : "nel suo significato letterale artifizio e' ogni studiato trasfigurazione del vero, ogni cammufamento della realta affettuate sia simulando cio che non esiste ( per ezempio, richezze, titoli, nome, qualita ecc. ) sia dissimulando vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per ezempio il proprio stato di insolvenza.)"*

*Issa f'dan il-kaz l-imputat kien jaf li ma kienx intitolat ghal flus li kien qed jippretendi minghand l-insurance, izda dan nonostante kkreja c-cirkostanzi biex jiddefroda lillistess insurance, u ghalhekk huwa bizzejjed li nqeda b'qerq u ngann kif imsemmi flartikolu fuq imsemmi 308, u dan billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen lezistenza ta' kreditu mmaginarju. Il-mis en scene f'din il-kawza jammonta ghal dak lapparat estern li gieghel lill-ufficjal tas-socjeta' assikuratrici jemmen li kollox kien miexi regolari w ghalhekk una volta kkrejata din il-mis en scene billi ghamel rapport ghand il-pulizija ha sehem f'inkjesta magisterjali u, una volta kkreja dan l-apparat estern, intiz proprju biex jinganna, r-reat in kwistjoni jkun integru."*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fl-10 ta' Mejju 2016 is-Sur Peter Cordina fil-kapaċita tiegħu ta' President ta' Foundation for Medical Services talab lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga allegazzjoni tal-imputat fil-konfront ta' Neville Gafa. L-imputat kien qed jallega li Neville Gafa kien irċieva xi flejjes marbutin ma xi xogħol li kien tqabbad jagħmel fuq persuni li kienu ġejjin mil-Libja biex jieħdu għajnuna medika hawn Malta fiż-żmien tal-konflitt tal-Libja u anke ftit wara.

Mehmuża mal-kwerela kien hemm ittra mibgħuta mill-Foundation for Medical Services lil Neville Gafa fejn permezz tagħha huwa ġie nfurmat bl-allegazzjoni li saret fil-konfront tiegħu u r-risposta tal-istess Neville Gafa li fiha ċaħad din l-allegazzjoni.

Mehmuża mal-kwerela kien hemm anke l-ittra li r-rappreżentant legali tal-imputat Khaled M Ibrahim Ben Naser kien bagħat lill-Ministru tas-Saħħa u l-Enerġija Konrad Mizzi.

Jirriżulta li fis-6 ta' Ġunju 2016 l-Ispettur Rennie Stivala u l-Assistent Kummissarju Ian Abdilla kienu bagħtu għall-imputat biex jagħtihom aktar dettalji fuq l-allegazzjoni tiegħu fil-konfront ta' Neville Gafa.

L-imputat spjegalhom li huwa kien jgħaddi lil Neville Gafa diversi applikazzjonijiet ta' diversi nies Libjani li kellhom bżonn jiġu Malta għal attenzjoni medika. Neville Gafa, f'isem il-Gvern ta' Malta kien jipproċessa dawn l-applikazzjonijiet. L-imputat allegat li f'mument minnhom Neville Gafa beda jitlob li jingħata pagamenti ta' flus. L-ammont kien ivarja bejn elf u ħames mitt ewro u elfejn u ħames mitt ewro kull darba. L-imputat sostna mal-investigaturi li huwa kien iħallas li Gafa kemm kien jitolbu, u li Gafa qatt ma tah irċevuti. Però l-imputat kien jikteb il-pagamenti li kien jgħaddi lil Gafa fuq ktejjeb tal-irċevuti u kien anke jikteb in-numru tal-passaport u l-isem tal-persuna u d-data ta' meta' ħallas lil Gafa. L-imputat sostna mal-investigaturi li huwa qatt ma talab lil Neville Gafa sabiex jiffirmalu fuq dawn l-irċevuti.

Skond l-investigaturi l-imputat sostna magħhom li meta din il-biċċa tax-xogħol ma bdietx togħġbu, huwa beda jittratta ma St. James Hospital direttament tramite l-kumpanija li huwa kien wieħed mid-diretturi tagħha Aurus Tribus Limited. Fil-fatt Aurus Tribus Limited daħlet fi ftehim ma Livelife Group Limited u St. James Capua Hospital Limited. L-imputat sostna mal-investigaturi li dan għamlu għax ħass li Gafa kien qiegħed jagħmel xi ħaġa mhux kif suppost u allura pprefera li jittratta direttament mal-isptar.

Fix-xhieda tiegħu l-imputat isostni li huwa kien iffirma l-kuntratti fuq talba ta' Gafa stess.

Meta fil-kontro-eżami tiegħu, l-Ispettur Stivala ġie ssuġġerit lilu li fil-preżenza tal-avukat tal-imputat, l-imputat indika lix-xhud li huwa daħal f'kuntratt permezz tal-kumpanija tiegħu mhux għax ħass li Neville Gafa kien qed jagħmel xi ħaġa ħażina imma għaliex kien Neville Gafa stess li talbu li jwaqqaf kumpanija u jidħol f'kuntratt mal-isptar, ix-xhud ċaħad dan u insista li l-imputat kien infurmah li huwa daħal fi ftehim direttament mal-isptar għax ried jelimina lil Neville Gafa.

L-imputat dejjem sostna li huwa kemm il-darba pprova jirranġa din il-kwistjoni ma Gafa bil-kwiet u b'mod amikevoli. Madankollu, minn madwar tmienja u tletin elf ewro, Gafa kien irritorna biss tlett elef ewro. Il-kumplament baqa' ma rritornhomx lura għax kien xtara BMW u ma kellux biex iħallsu.

Eventwalment l-investigaturi bagħtu għal Neville Gafa fejn l-istess Gafa spjegalhom li dak iż-żmien huwa kien impjegat bħala Project Director fil-Coordination Unit fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa. Gafa kien il-liason bejn il-Ministru tas-Saħħa u l-Prim Ministru. Gafa kien jirċievi pagament ta' sitta u sittin Euro ta' kull persuna li kienet tinġieb lejn Malta u dan ma kienx jeħodhom hu personalment iżda b'dawn il-flus kien isir il-pagament dovut tal-visa upon arrival.

Mal-wasla ta' dawn il-persuni, kien jiġi deċiż f'liema sptar kienu se jintbagħatu u cioé l-Isptar Mater Dei jew inkella l-Isptar St. James.

Gafa ċaħad bil-qawwa kollha li huwa qatt irċieva xi flus mingħand l-imputat. Gafa sostna mal-investigaturi li waħda mir-raġunijiet li l-imputat setgħa għamel dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu kien għaliex ġieli kien hemm istanzi li huwa kien irrifjuta li joħroġ visa li xi Libjani li xtaqu jiġu Malta għal kura u dan minħabba li kienu nies perikolużi. Gafa insista li huwa xtara l-BMW ħames xhur qabel ma allegatament irċieva dawn il-flus u għalhekk ma jistax ikun li huwa nefaq dawk il-flus fuq il-vettura.

Fid-29 ta' Lulju 2016 kienet saret search fl-uffiċċju ta' Neville Gafa li iżda ma nstab xejn suspettuż.

Fil-31 ta' Awwissu 2016 l-imputat sostna li fid-29 ta' Awwissu 2016 għal ħabta tad-disgħa u għaxra ta' bil-lejl kien irċieva telefonata fuq il-mobajl number tiegħu

79229939 mingħand xi ħadd mhux magħruf, fejn permezz tagħha ħassu mhedded bil-ħajja tiegħu u ta' wliedu. L-imputat talab il-protezzjoni tal-pulizija u anke sabiex tiġi investigata din it-theddida. Din it-theddida kienet saret b'rabta mal-fatt li l-imputat kien qed jikxef dak li jsejjaħ il-Libyan visa scandal. Mill-investigazzjonijiet li saru rriżulta li bejn is-7.00pm u l-10.39pm tad-29 ta' Awwissu 2016, l-imputat ma kienx irċieva telefonati.

Fit-2 ta' Settembru 2016, l-imputat kien irraporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tas-Swieqi fejn allega li fl-1 ta' Settembru 2016 kien sab erbgħa missed calls fuq il-mobajl tiegħu min-numru 99132168 u kien anke irċieva sms mingħand dan l-istess numru.

Mill-investigazzjoni li saru irriżulta li dik il-linja kien paired ma mobajl number 79229938 li kien irreġistrat fuq l-imputat stess.

Fis-16 ta' Novembru 2016, l-investigaturi bagħtu għal imputat u wara li tawh d-drittijiet legali kollha tiegħu u fil-preżenza tal-avukat tiegħu, l-investigaturi staqsewh jekk jikkonfermax li fit-2 ta' Settembru 2016 kien għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tas-Swieqi. L-imputat mhux talli kkonferma li mar għamel ir-rapport talli qabad il-mobajl tiegħu u wera lill-investigaturi l-sms li rċieva bħala theddida. Meta mistoqsi fuq il-linja tal-mobajl number 79229938, l-imputat kkonferma li dik hija l-linja tiegħu u hija rreġistrata fuqu.

L-imputat mistoqsi mil-investigaturi jekk kienx qatt ta' xi mobajl phone lil xi ħadd anke jekk bħala rigal, l-imputat ikkonferma li darba minnhom kien ta' lil Neville Gafa mobajl.

Mistoqsi kif jista jispjega l-fatt li l-sms ta' theddid intbagħat minn mobajl li kellu fih ukoll in-numru tal-linja tiegħu l-imputat sostna li ma jafx iwieġeb. Però l-istess imputat offra li jgħaddi l-mobajl phones kollha tiegħu lil-uffiċjal prosekutur. L-ebda wieħed mill-ħames jew sitt mobajl phones li l-imputat għadda lill-uffiċjal prosekutur ma kien użat biex jintbagħat l-sms jew saru t-telefonati.

Fix-xhieda tiegħu Neville Gafa sostna li kien bagħat għalih l-Ispettur Rennie Stivala

u kellmu fuq diversi allegazzjonijiet li l-imputat għamel fil-konfront tiegħu. Huwa xehed kif fost l-oħrajn l-imputat beda jallega li x-xhud kellu jagħtih xi tmienja u tletin elf ewro ta' visas li suppost ħarġu u ma ħarġux.

Neville Gafa spjega kif dak iż-żmien huwa kien Project Director fil-Ministeru tas-Saħħa u kif faqgħet il-gwerra tal-Libja, l-Gvern Libjan talab l-għajnuna ta' Malta, sabiex Malta tkun ta' assistenza għal diversi midruba. L-uffiċċju ta' Neville Gafa beda jirċievi l-medical reports ta' nies midruba u huwa kien jgħaddihom lill-Isptar Mater Dei. Meta dawn il-medical reports kienu jiġu vetted u kien ikun aċċertat li Malta setgħet tilqa dawn in-nies kienet tiskatta l-proċedura sabiex dawn il-pazjenti jinġiebu Malta.

Gafa spjega kif kien jikkoordina din il-proċedura mac-Chief Medical Officer, u mal-pulizija tal-immigrazzjoni biex tkun tista' tinħareġ il-visa. Il-pazjenti midruba għal visa, kienu jintalbu ħlas ta' sitta u sittin ewro, li kien jirċevihom u jgħaddihom mill-ewwel il-pulizija tal-immigrazzjoni hekk kif dawn jinżlu r-runway tal-ajruport. Fil-każ tal-pazjenti li kienu jaqgħu fil-kategorija ta' medical tourism il-proċedura kienet l-istess, iżda l-ammont ta' sitta u sittin ewro kien jitħallas lill-uffiċċju ta' Gafa, imbagħad kienu jgħaddu dawn il-flus lil CVU. Is-sitta u sittin ewro kienu administrative fee u ma kinitx refundable.

Gafa sostna li huwa sar jaf lill-imputat permezz tal-ambaxxatur ta' dak iż-żmien is-Sur Mannie Galea fejn kien infumah li l-imputat kellu jgħaddilu xi rapporti mediċi ta' xi midruba.

Gafa sostna li l-imputat kien beda anke jirrikattah billi kien bagħtlu sms u nfurmah li jekk ma kienx ħa jagħtih flusu lura, kien hemm xi videos u xi files li kien lest li joħroġhom.

Fil-kontro-eżami tiegħu Gafa ikkonferma li f'Mejju 2016 huwa ġie trasferit għal Għawdex b'effett immedjat. Minn meta ġie trasferit lejn Għawdex, baqgħu jinġiebu biss ftit pazjenti b'każijiet urġenti. Gafa sostna li huwa ma jiftakar bl-ebda numru tal-mobajl li ġie ndikat lilu u cioé n-numru 99975262, 99384803 u 99132168. Ix-xhud stqarr ukoll li l-uniċi numri li jiftakar bl-amment huma t'ommu, ta' missieru u tad-dar t'ommu.

Fix-xhieda tagħha Maria Bugeja sostniet li l-uffiċċju tal-OPM jew il-Gvern Malti qatt ma ħallsu xejn lill-isptar.

L-Imputat Ben Nasan Khaled M. Ibrahim Mohamed minn dejjem sostna li meta nqalgħet il-Gwerra fil-Libja, huwa ġie avviċinat minn Mannie Galea l-Ambaxxatur Malti għal Libja fejn intalab li jgħin fuq diversi kwistjonijiet. Eventwalment l-imputat kien talab lill-Ambaxxatur jekk kienx possibbli li jinġiebu Malta nies midruba sabiex jingħataw il-kura ġewwa Malta. Wara ftit l-Ambaxxatur kien ikkuntattjah u infurmah li Malta kienet aċċettat li jinġiebu nies midruba u jingħataw kura b'xejn.

Saru l-arranġamenti meħtieġa fejn l-imputat kien jibgħat lill-Ambaxxatur kopja tal-passaport u rapport tat-tabib, imbagħad meta toħroġ il-visa kienu jinġiebu l-pazjenti f'Malta u kienu jingħataw il-kura ġewwa l-Isptar Mater Dei u ġewwa l-Isptar Sant James.

Eventwalment l-Ambaxxatur Mannie Galea talab lill-imputat sabiex jikkuntattja lil Neville Gafa u jibda jikkomunika miegħu. Meta ltaqa' għall-ewwel darba ma Neville Gafa ġewwa l-uffiċju tal-Ministru tas-Saħħa, l-imputat ġie nfurmat minn Neville Galea sabiex jibda jibgħat u jikkomunika dirett miegħu u mhux aktar mal-Ambaxxatur.

Eventwalment Neville Gafa insista li qabel jiġu f'Malta, il-pazjenti kellhom jibdew iħallsu d-depożitu. Kienu saru l-arranġament sabiex il-Ministru tas-Saħħa Libjan u l-konsulenti tiegħu jiġu għad-diskussjonijiet hawn Malta, iżda wara li dawn insistew li jekk kienu ħa jgħaddu xi flus huma riedu li jkollhom l-irċevuti tal-ħlasijiet u anke jaraw il-kuntratti, minkejja li l-visa tagħhom kienet diġà ħarġet, x'ħin waslu l-ajruport tat-Tuneżija sabu li l-visa kienet ġiet ikkanċellata. Meta l-imputata ikkuntattja lil Neville Gafa, huwa ġie infurmat li minħabba li riedu jiċċekkjaw kollox, Neville Gafa ddeċieda li jikkanċella l-visa tagħhom sabiex ma jkunux jistgħu jiġu Malta.

Eventwalment Neville Gafa beda jieħu l-flus. L-imputat kien ġie infurmat li se jibda jiġi użat sptar privat u meta l-imputat kien staqsa min se jħallas għal kura huwa ġie nfurmat li kien il-Gvern Malti li se jħallas għal kura.

Darba minnhom l-imputat kien bagħat diversi kopji tal-passaporti lil Neville Gafa, għadda xahar u l-visa kienet għadha ma ħarġitx. Neville Gafa kien infurmah li minħabba li kienet inqalgħet problema, l-visa airport ma kinitx se tibqa tinħareġ.

Xi xahar u nofs wara, Neville Gafa ikkuntattja lill-imputat u infurmah li se jerġgħu jibdew joħorġu l-visa iżda mhux visa airport.

L-imputat sostna li kien jibgħat lil Neville Gafa id-dokumenti kollha mitluba u meta Neville Gafa kien jinfurmah li l-proċess huwa lest, l-imputat kien iħalli l-envelope bil-flus ġo fih lil Neville Gafa fl-uffiċju tal-Ministru tas-Saħħa. L-ammonti kienu jvarjaw. Ġieli talbu ħames mitt ewro, elf euro etc. Il-flus kienu jitħallsu mill-pazjenti u ġieli ħariġhom minn butu għaliex il-pazjenti kienu jgħidulu li jħallsuh meta jkunu Malta. L-imputat kien imur jiġbor flusu l-Airport.

Imbagħad bdew jinqalgħu diversi problemi fosthom li kien hemm xi persuni li ma nħarġitilhomx il-visa u xi persuni oħrajn li kienu qegħdin jieħdu l-kura iżda din l-istess kura twaqfitilhom ħesrem. L-imputat beda jipprova jiltaqa' ma Neville Gafa għaliex għandu kellu l-passaporti tan-nies u ried li jingħatawlu mad-disa' u tletin elf ewro li huwa kien ħallas lil Neville Gafa biex jinħarġu visas li baqgħu qatt ma nħarġu. Madanakollu Neville Gafa beda jaħarbu. Meta beda jċempillu kien jibgħatlu messaġġ biex jinfurmah li ma qiegħedx l-uffiċċju.

Dak iż-żmien l-imputat kellu relazzjoni tajba ħafna ma Neville Gafa, fil-fatt kien jikkunsidrah bħala ħabib u għalhekk l-imputat xtaq li din il-kwistjoni tiġi solvuta bil-kwiet bejniethom.

Eventwalment is-Segretarja ta' Neville Gafa kienet għaddietlu l-passaporti tan-nies iżda il-flus ma ġewx irritornati u lanqas l-insurances ma ġew irritornati. Fil-frattemp in-nies li ħallsu l-flus bdew jagħmlu pressjoni fuq l-imputat sabiex jieħdu flushom lura.

Darba minnhom Neville Gafa irritorna tlett elef ewro lill-imputat. Meta l-imputat kompla jagħmillu aktar pressjoni, Neville Gafa stqarr miegħu li huwa ma jistax iħallsu għax daħal fl-ispejjez u kien għadu kif xtara karozza. L-imputat sostna li huwa rikeb f'din il-karozza. Il-karozza kienet tal-għamla BMW ta' kulur sewda.

L-imputat sostna li meta bagħtu għalih, l-investigaturi kienu talbuh sabiex jagħtihom l-evidenza kollha li huwa għandu u l-imputat infurmahom li l-evidenza li għandu tinsab l-Libja.

L-imputat sostna li l-Avukat tiegħu għadda lil pulizija t-telephone numbers tat-tlett persuni Libjani li għandhom din l-evidenza, iżda l-pulizija baqgħet qatt ma għamlet kuntatt magħhom.

Dawn it-tlett persuni li l-pulizija jafu min huma għaliex ingħataw d-dettalji tagħhom mill-avukat tal-imputat, kieku nħarġilhom il-visa kienu lesti li jiġu Malta sabiex jipproduċu din l-evidenza.

Tajjeb li jingħad li fil-kontro-eżamijiet tagħhom kemm l-Ispettur Rennie Stivala u anke l-Assistent Kummissarju Ian Abdilla ġew ikkonfrontati mill-avukat difensur rigward it-telephone numbers li huwa kien għaddilhom. Wieħed sostna li jekk għadda dawn in-numri, l-avukat difensur ma kienx għaddihom lilu għax hu mhux lilu kellem u l-ieħor sostna li huwa ma jiftakarx li l-avukat difensur kien għaddilu dawn it-telephone numbers.

Rigward il-kuntratti li l-kumpanija tiegħu iffirmat l-ewwel mal-Live Life u eventwalment ma' Saint James, l-imputat sostna li huwa daħal għal dawn il-kuntratti fuq talba ta' Neville Gafa.

Fix-xhieda tiegħu b'referenza għal sms ta' theddid li huwa jsostni li rċieva u li għamel ir-rappport fuqu, l-imputat sostna li huwa qatt ma informa lill-ispettur li dak l-sms kien bagħtu Neville Gafa u li huwa ma kellux mobajls tal-għamla Nokia. L-uniku wieħed li kellu kien xi għaxar snin qabel. Ix-xhud sostna li huwa kien ta' xi erba' mobajls lil Neville Gafa.

Ivan Grech Mintoff xehed li huwa sar jaf lill-imputat fis-sena 2015 għaliex l-imputat kellu x'jaqsam mas-Schengen, Visa, Medical Visas u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Libja u għalhekk sar jafu b'dan il-mod.

Grech Mintoff sostna li huwa kien jippreżenta programm investigattiv fuq it-televixin bl-isem Exodus fuq F Living u kien qed jinvestiga l-bejgħ illegali tal-visas.

Ġimgħa qabel ma kien se jsir il-programm fejn l-imputat kien ha jiżvela li Neville Gafa kien qiegħed jieħu l-flus, Grech Mintoff u t-tim tiegħu kienu ħarġu promozzjoni ta' dan il-programm fejn kienu żvelaw li l-whistleblower kien sejjer jiżvela diversi dettalji.

F'dik il-ġimgħa l-imputat kien irċieva xi telefonati jhedduh li jekk kien se jitkellem, lit-tfal jista jinsihom. Fid-dawl ta' dan it-theddid, id-diriġenza ta' Fliving iddeċidiet li l-programm ma kellux jixxandar.

L-imputat xorta waħda kien dispost li jipparteċipa fil-programm. Grech Mintoff sostna li anke huwa ġie mhedded, fejn kien ġie infurmat mill-Libyan Secret Service li huma għandhom informazzjoni minn Malta li minħabba l-investigazzjoni li kien qiegħed jagħmel huwa kellu jtir b'mod imminenti.

Grech Mintoff sostna li kkuntattjawh diversi persuni Libjani fejn ikkonfermaw miegħu li huma ħallsu sabiex tinħarġilhom il-visa u li kienu jiddiljaw ma Neville Gafa. Grech Mintoff sostna li dan xehduh anke f'kawżi oħrajn. Dawn in-nies anke ġew irrekordjati jsostnu li huma ħallsu sabiex tinħarġilhom il-visa.

Bil-Ġurament tiegħu Grech Mintoff sostna li l-investigaturi mhux biss kienu ngħatawlhom in-numri tal-telephones ta' nies li kienu ġewwa l-Libja, iżda l-investigaturi kellhom dettalji ta' persuni li kienu jinsabu Malta u li dawn in-nies kienu ħallsu biex inħarġitilhom il-visa u l-investigaturi baqgħu ma bagħtux għalihom u ma għamlu l-ebda kuntatt magħhom.

Grech Mintoff sostna wkoll li kien anke avviċinat minn terzi fejn talbuh sabiex ma jibqax jiżvela aktar informazzjoni fuq ix-xiri tal-visas u anke offrewlu li jagħtuh dak li jitlobhom jekk jieqaf milli jkompli jiżvela aktar dettalji fuq ix-xiri illegali tal-visas.

**Seraj Adden Sasi Ali Essa** xehed li huwa kien responsabbli mill-affarijiet barranin u korporazzjoni internazzjonali tal-Libja. Sostna li fl-2014 il-Libja kienet kienet qed

tiffaċja sitwazzjoni diffiċli fejn kien hemm l-ajruport magħluq u ma kienx hemm aċċess għalih. Il-Gvern Malti offra li jagħti l-kura lil midruba fil-gwerra b'xejn.

Kien hemm diversi persuni midruba li ħadu l-kura f'Malta b'xejn. Però mbagħad meta daħal Neville Gafa, is-sitwazzjoni inbidlet għaliex kien beda jitlob il-ħlas.

Sostna li huwa ġieli ġie personalment bil-flus lejn Malta. Fix-xhieda tiegħu sostna wkoll li huwa f'Malta ġab miegħu żewġ envelopes bil-flus. Wieħed kien jammonta għal ħdax il-elf ewro u l-ieħor kellu madwar disa' t'elef u disa' mitt ewro.

Seraj Adden Sasi Ali Essa sostna li flimkien mal-imputat kienu marru l-Ministeru tas-Saħħa fejn għaddew il-flus lil Neville Gafa. Is-Segretarja tiegħu bdiet tgħodd dawn il-flus.  Seraj Adden Sasi Ali Essa sostna li huwa ra b'għajnejh lil Neville Gafa jirċievi dawn il-flus.

Flimkien mal-flus, huma kienu għaddew lil Neville Gafa diversi passaporti.

Huwa ppreżenta diversi dokumenti fosthom dokument anness u mmarkat DOK AE1, li fost l-oħrajn jinkludi lista ta' persuni li minkejja li ħallsu l-flus, il-visa baqgħet ma nħarġitilhomx. Minkejja dan, l-ammont imħallas lil Neville Gafa qatt ma ġie irritornat lura.

Seraj Adden Sasi Ali Essa sostna li huma kienu kitbu l-ismijiet tal-persuni li għaddew il-passaporti lil Neville Gafa fuq żewġ karti fejn filwaqt li għaddew waħda lill-Neville Gafa, żammew waħda għalihom li kien żammha l-imputat. Apparti minn hekk kienu anke ittajpjaw l-ismijiet.

Ma Neville Gafa ltaqgħu kemm il-darba fejn talbuh biex jagħtihom lura l-passaporti u anke l-flus.

Il-Qorti kkunsidrat li sabiex jissusisti r-reat ta' tentattiv ta' truffa, jeħtieġ li qabel xejn din il-Qorti tkun moralment konvinta li l-imputat verament ma kienx għadda flus lil Neville Gafa.

Neville Gafa jinsisti li huwa qatt ma rċieva xi flus mingħand l-imputat bħala ħlas sabiex jinħarġu l-visas ħlief it-tariffa ta' sitta u sittin ewro li hija meħtieġa li titħallas meta wieħed japplika għal visa.

Min naħa l-oħra l-imputat isostni li huwa kien ħallas il-flus lil Neville Gafa sabiex diversi persuni tinħarġilhom il-visa u għaliex dawn il-persuni baqgħu ma nħarġitilhomx il-visa, huwa kien qiegħed jitlob lil Neville Gafa sabiex jirrifondilu lura l-flus li kien ħallsu. Skond l-imputat Neville Gafa kellu jirrifondilu lura mat-tmienja u tletin elf ewro u minnhom ħallsu lura l-ammont ta' tlett elef ewro.

Ivan Grech Mintoff bil-ġurament tiegħu sostna li kkuntattjawh diversi persuni Libjani fejn ikkonfermaw miegħu li huma ħallsu sabiex tinħarġilhom il-visa u li kienu jittrattaw ma Neville Gafa. Grech Mintoff sostna li dan xehduh anke f'kawżi oħrajn. Dawn in-nies anke ġew irrekordjati jsostnu li huma ħallsu sabiex tinħarġilhom il-visa.

Bil-Ġurament tiegħu Grech Mintoff jmur oltre minn hekk u saħansitra anke sostna li l-investigaturi mhux biss kienu ngħatawlhom in-numri tal-telephones ta' nies li kienu ġewwa l-Libja, iżda l-investigaturi kellhom dettalji ta' persuni li kienu jinsabu Malta u li dawn in-nies kienu ħallsu biex inħarġitilhom il-visa, u l-investigaturi baqgħu ma bagħtux għalihom u ma għamlu l-ebda kuntatt magħhom.

Din il-Qorti għandha quddiemha x-xhieda pjuttost skjetta ta' Seraj Adden Sasi Ali Essa fejn huwa xehed li kien hemm diversi persuni midruba fil-gwerra tal-Libja li ħadu l-kura f'Malta b'xejn. Però mbagħad meta daħal Neville Gafa, is-sitwazzjoni inbidlet għaliex kien beda jitlob il-ħlas.

Sostna li huwa ġie Malta b'żewġ envelopes bil-flus. Wieħed kien jammonta għal ħdax il-elf ewro u l-ieħor kellu madwar disat'elef u disa' mitt ewro.

Seraj Adden Sasi Ali Essa sostna li flimkien mal-imputat kienu marru l-Ministeru tas-Saħħa fejn għaddew il-flus lil Neville Gafa. Is-Segretarja tiegħu bdiet tgħodd dawn il-flus. Seraj Adden Sasi Ali Essa sostna li huwa ra b'għajnejh lil Neville Gafa jirċievi dawn il-flus.

Seraj Adden Sasi Ali Essa ppreżenta wkoll dokument anness u mmarkat Dok AE1, li fost l-oħrajn jinkludi lista ta' persuni li minkejja li ħallsu l-flus, il-visa baqgħet ma nħarġitilhomx. Minkejja dan, l-ammont imħallas lil Neville Gafa qatt ma ġie irritornat lura.

Il-Prosekuzzjoni ssostni li hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn il-pazjenti li kien iġib il-Gvern Malti mill-Libja u l-pazjenti li kien iġib l-imputat mill-Libja u dan għaliex il-pazjenti li kien iġib l-imputat mill-Libja kienu obbligati li jħallsu għal kura tagħhom.

Madanakollu l-Qorti ssostni li l-imputat minn dejjem sostna li huwa kien iħallas il-flus lill-Neville Gafa sabiex dawn il-pazjenti tinħarġilhom il-visa. Tajjeb li jingħad li fix-xhieda tagħha Maria Bugeja sostniet li ġieli kellmet lil Neville Gafa fuq il-pazjenti li kien jirreferilhom l-imputat u dan rigward il-visa tagħhom għaliex Neville Gafa kien japplikalhom għall-visa.

Din il-Qorti wara li flit sew l-atti proċesswali u 'l-provi li għandha quddiemha, jirriżultawla provi konfliġġenti u ma hijiex moralment konvinta li l-imputat verament ma kienx għadda il-flus lil Neville Gafa sabiex persuni Libjani tinħarġilhom il-visa biex ikunu jistgħu jivjaġġaw lejn Malta, u għalhekk ma hijiex ha ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

3. **It-Tieni Imputazzjoni*:*** *"Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, bi ħsara ta' ħaddieħor, pruvajt tagħmel xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħames t'elef ewro (€5000)"*

Illi kif ingħad, mill-provi li għandha quddiemha, din il-Qorti ma hijiex moralment konvinta li l-imputat verament ma kienx għadda il-flus lil Neville Gafa sabiex persuni Libjani tinħarġilhom il-visa biex ikunu jistgħu jivjaġġaw lejn Malta u għalhekk ma hijiex ha ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata sal grad rikjest fil-liġi penali.

4. **It-Tielet Imputazzjoni:** *"Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi ffalsifikajt ċedula, polza, ordni, jew dokument ieħor li meta jiġi preżentat wieħed jista jirċievi ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti"*

L-imputat qiegħed jiġi akkużat li ppreżenta diversi rċevuti tal-flus li kien għadda lil Gafa meta dawn il-flus ma kienux għaddew għand Neville Gafa.

Kif ingħad, mill-provi li għandha quddiemha, din il-Qorti ma hijiex moralment konvinta li l-imputat verament ma kienx għadda il-flus lil Neville Gafa sabiex persuni Libjani tinħarġilhom il-visa biex ikunu jistgħu jivjaġġaw lejn Malta u għalhekk ma hijiex ha ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata al-grad rikjest fil-liġi.

6. **Ir-Raba Imputazzjoni:** *"Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi bil-qerq ħloqt jew ġiegħelt jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza ikunu jistgħu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tiġi kontra s-sewwa hekk akkużata jew misjuba ħatja ta' reat"*

Permezz tar-raba' imputazzjoni l-imputat qed jiġi mixli bir-reat imsemmi f'l-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe l-kalunja indiretta jew reali. Skond dan il-provvediment ikun ħati tar-reat: *"Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat...."*

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christian Demanuele** datata10 ta' Awwissu 2017, il-Qorti sostniet:

> *"Illi dwar il-kalunja indiretta u d-differenza bejn dan ir-reat u dak ta' kalunja diretta l-Professur Mamo jghallem li: Whereas the false accusation ... made orally or in writing by any information, report or commplaint cionnstitutes the caluminious accusation, properly so called verbal or direct, this other form, consisting in falsely fabricating factual evidence os an offence against an innocent person, consists the caluminious accusation known as real or indirect: "La calunnia reale consiste nel simulare a caricp di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materialo di u reato... tale sarebbe il-porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuol colpire, ovvero*

*il-porre sulla persona o nell' abitazione altrui un pugnale insanguinante, opurre una cosa furtiva" (Mano op cit para 1102).*

*The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*

*Illi l-istess l-Antolisei Le modalita dell'incolpazione possono concretare la cosidetta caunnia diretta o formale e la calunnia indiretta o materiale (detta anche reale). Si ha la prima quando l'attribuzione dell'illecito penale si attua mediante denuncia .... .... ....; la seconda quando l'incolpazione si pone in essere simulando a carico di taluno le tracce di un reato. .... .... .... tracce costituite da tutti i fatti o circostanze che servono a designare un determinato individuo come certo o probabbile autore o compartecipe di un fatto criminoso. I modi piu comuni concui si commette questa forma di calunia sono la simulazione di violenza sulle persone o sulle cose, oppure il collocaamento di oggetti indizianti presso il caalunniato...*

*Illi dawn il-principji gew affermati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs David Mizzi; dik il-Qorti qalet hekk dwar ir-reat issa in ezami: Ir-reat ikkontemplat f'l-artiklu 110(1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplat f'l-artikolu 101 billi jirrikjedi li lagent ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f' dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mil-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn kunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna."*

Illi għalhekk sabiex l-imputat jinstab ħati taħt din l-imputazzjoni, huwa meħtieġ li mingħajr dubju dettat mir-raġuni jiġi ppruvat li l-imputat fl-ewwel lok dolożament għamel akkuża falza fil-konfront ta' Neville Gafa u fit-tieni lok li l-istess imputat ħoloq traċċi jew indizji materjali bil-ħsieb li dawn ikunu jistgħu jintużaw kontra l-istess Neville Gafa.

Din il-Qorti jirriżultalha li fit-30 ta' Awwissu 2016, l-imputat mar għamel rapport ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan fejn sostna li fid-29 ta' Awwissu 2016 għal ħabta tad-disgħa u għaxra ta' filgħaxija kien rċieva telefonata ta' theddid fuq il-linja tal-mowbajl tiegħu minn unknown number.

Fix-xhieda tagħha l-ex WPC 304 Lorna Mifsud, sostniet illi fit-30 ta' Awwissu 2016 kienet hija li ħejjiet ir-rapport. Meta ġiet mistoqsija: "*Issa naqblu li min naħa tiegħu ma kien indika l-ebda persuna bħala li setgħet kienet il-persuna li ċemplet ?", i*x-Xhud wieġbet: "*Le ma semma lil ħadd. Just qalli Unknown number".* Għalhekk l-imputat ma għamilx rapport kontra individwu partikolari iżda għamel rapport mal-pulizija mingħajr ma semma ismijiet.

Jirriżulta li fit-2 ta' Settembru 2016, l-imputat għal darb'oħra mar jirraporta ġewwa l-Għassa tas-Swieqi li fl-1 ta' Settembru 2016 għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija fil-mobajl tiegħu huwa sab erba' missed calls. Dawn it-telefonati kienu saru permezz tan-numru tal-linja tal-mobajl 99132168. Dakinhar stess kien irċieva sms ta' theddid, liema sms kien intbagħat mill-istess numru tal-mobajl 99132168.

Anke hawnhekk l-imputat ma indika l-ebda individwu partikolari. Illi għalhekk għal darb'oħra l-imputat ma għamilx rapport kontra individwu partikolari iżda għamel rapport mal-pulizija mingħajr ma semma ismijiet.

Eventwalment meta l-Ispettur Rennie Stivala waqt l-istqarrija tiegħu staqsa lill-imputat *"Int taf min seta* bagħat dan il-messaġġ?", l-imputat sostna li dak il-messaġġ seta ntbagħat minn Neville Gafa. Mistoqsi: *Kif taf ?* L-imputat sostna "*Naħseb li hekk għaliex jien kelli problema ma Gafa għaliex kien rċieva xi flus mingħandi biex jinġiebu xi Libjani mill-Libja għall-kura hawn Malta u baqgħu ma nġiebux u anke għaliex jien*

*kont diġa tkellimt miegħu fuq Ryan (Ray) Spagnol, Natalie u anke Marisa".* Mistoqsi: *"Pero m'għandek mod kif tkun żgur min bgħattlek dak il-messaġġ ?"* L-imputat sostna: *"Le".*

Mill-provi prodotti quddiemha, din il-Qorti ssostni li l-imputat fl-ebda mument ma nsista jew irraporta mal-pulizija li kien Neville Gafa li għamillu t-telefonata ta' theddida jew li kien l-istess Neville Gafa li bgħatlu l-sms ta' theddida.

Dan qiegħed jingħad għaliex meta mar jirraporta ġewwa l-għassa tal-pulizija l-imputat ma rraportax li kien Neville Gafa li ċempillu jew bagħatlu l-sms, anzi rraporta li xi ħadd kien ċempillu permezz ta' unknown number, imbagħad eventwalment xi ħadd kien ċempillu u bgħattlu l-sms permezz tal-linja tal-mobajl bin-numru 99132168.

Meta l-Ispettur Stivala staqsa lill-imputat jekk jissuspettax f'xi ħadd li seta' bgħatlu l-sms, l-imputat infurmah li jissuspetta li seta' kien Neville Gafa però m'għandux mod li jkun żgur li kien hu li bagħtulu.

Għaldaqstant anke hawnhekk ma jistax jingħad li l-imputat ipponta subajh lejn Neville Gafa bħala l-persuna li bagħtitlu l-sms, iżda wara li kien ġie mistoqsi jekk huwa jissuspettax f'xi ħadd, l-istess imputat sostna li minħabba li kellu l-inkwiet ma Neville Gafa allura jista' jkun li l-sms kien bagħtulu Neville Gafa. Huwa bl-ebda mod ma qiegħed jgħid li kien ċert li kien Neville Gafa li bgħattlu l-sms.

Din il-Qorti għaldaqstant hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-liġi li l-imputat dolożament għamel akkuża falza fil-konfront ta' Neville Gafa u għalhekk ma hijiex ha ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

5. **Il-Ħames Imputazzjoni:** *"Kif ukoll talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ddenunzjajt lill-Pulizija Eżekuttiva reat li kont taf li ma sarx, kif ukoll bil-qerq ħloqt traċċi ta' reat b'mod li aktar tard ikunu jistgħu* jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat ikun sar"

Il-ħames imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' l-imputat tinkwadra ruħha fir-reat ikkontemplata fl-artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali u cioe' is-simulazzjoni tar-reat.

Dan l-artikolu jistabilixxi li: *"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena."*

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Marica Muscat**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2011 ngħad:

> *"Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:* ***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence <u>there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> … (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … <u>Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation</u>.(sottolinjar tal-Qorti)"***

Imbagħad fis-sentenza **Il-Pulizija vs David Mizzi** jingħad is-segwenti fuq dina d-dispożizzjoni tal-liġi:

> ***"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-***

> ***simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx.***
>
> *Dana ir-reat, ghalhekk, jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal per ezempju il-kaz li isehh ta' sikwit fil-Qorti fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba fl-edificju tal-Qorti, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra serqa mid-dar tieghu, l-agent ikisser is-serratura, ihalli xi sellum ma' xi hajt jew inkella johloq it-taqlib sabiex il-pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq - din hija s-simulazzjoni rejali u indiretta. Illi l-ghan ta'l-artikolu 110(2) huwa li jippenalizza il-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b'mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b'hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-kummissjoni ta' dana l-allegat reat. Il-Professur Mamo ighid:* ***"The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person."***

Jirriżulta li fit-30 ta' Awwissu 2016, l-imputat mar għamel rapport ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan fejn sostna li fid-29 ta' Awwissu għal ħabta tad-disgħa u għaxra ta' filgħaxija kien rċieva telefonata ta' theddid fuq il-linja tal-mowbajl tiegħu minn numru unknown.

Jirriżulta wkoll li fit-2 ta' Settembru 2016, l-imputat għal darb'oħra mar jirrapporta ġewwa l-Għassa tas-Swieqi li fl-1 ta' Settembru għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija fil-mobajl tiegħu huwa sab erba' missed calls. Dawn it-telefonati kienu saru permezz tan-numru tal-linja tal-mobajl 99132168. Dakinhar stess kien irċieva sms ta' theddid, liema sms kien intbagħat permezz tan-numru tal-mobajl 99132168.

Mid-data provduta mill-Vodafone jirriżulta illi fid-29 ta' Awwissu 2016, il-ġurnata li skont l-imputat għal ħabta tad-disgħa u għaxra ta' filgħaxija huwa irċieva t-telefonata ta' theddida minn numru mhux magħruf, din il-Qorti jirriżultalha li f'dawk il-ħinijiet l-imputat ma rċieva l-ebda telefonata fuq in-numru tal-linja tiegħu 79229939. Skond id-data u l-call log tal-Vodafone fid-29 ta' Awwissu 2016 bejn is-sagħtejn u ħamsa ta' wara nofsinhar u l-għaxra u disa' u tletin minuta ta' filgħaxija ma kienet saret l-ebda telefonata fuq il-linja tal-mobajl bin-numru 79229939.

Jirriżulta wkoll li l-mobajl number 99132168 kien paired ma mobajl li ġo fih kienet anke daħlet is-sim card tan-numru 79229938 li kien irreġistrat fuq l-imputat stess. Għalhekk fl-istess mobajl iddaħlet kemm is-sim card tan-numru 99132168 u anke is-sim card tan-numru 79229938.

L-imputat isostni li huwa kien għadda diversi mobajls lil Nevile Gafa u jsostni wkoll li fil-bidu tas-sena 2016 jista' jkun li is-sim card il ġġib in-numru tal-linja li kien juża u cioé 7922938 jista' kien daħħalha f'mobajl iphone 6 li sussegwentament kien għaddih lil Neville Gafa.

L-imputat sostna wkoll li huwa kien tilef mobajl u meta tilef dan il-mobajl huwa kien irrapporta lil pulizija.

Pero l-imputat baqa' qatt ma spjega kif huwa kien irrapporta fid-29 ta' Awwissu 2016, għal ħabta tad-disgħa u għaxra ta' filgħaxija huwa irċieva t-telefonata ta' theddida minn numru mhux magħruf, meta skond id-data u l-call log tal-Vodafone nhar id-29 ta' Awwissu 2016 bejn is-sagħtejn u ħamsa ta' wara nofsinhar u l-l-għaxra u disa' u tletin minuta ta' filgħaxija ma kienet saret l-ebda telefonata fuq il-linja tal-mobajl bin-numru 79229939.

Il-Qorti hija moralment konvinta li meta l-imputat għamel rapport ġewwa l-għassa fuq theddid li huwa kien qiegħed jirċievi permezz tat-telefonati u sms fuq il-mobajl tiegħu huwa kien jaf li kien qiegħed jirraporta reat li ma kienx seħħ.

Għaldaqstant il-Qorti hija moralment konvinta li din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċendement ippruvata sal-grad rikjest fil-liġi penali, u se tkun qed ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

## C. **Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Khaled M Ibrahim Ben Nasan detentur tal-karta tal-identità bin-numru 30716A ħati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imputazzjoni, tat-tielet imputazzjoni u tar-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront

tiegħu u tilliberah minnhom u wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 110(1), 110(2), 167, 308, 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat Khaled M Ibrahim Ben Nasan detentur tal-karta tal-identità bin-numru 30716A ħati tal-ħames imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' sentejn li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM-------------------------------**